# FTEHIM TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI
# BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
# U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA,
# U R-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO, MIN-NAĦA L-OĦRA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Stati Membri", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Komunità",

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Montenegro"

min-naħa l-oħra,

flimkien imsejħa "l-Partijiet",

Wara l-KUNSIDERAZZJONI tar-rabtiet b'saħħithom bejn il-Partijiet u l-valuri li jaqsmu bejniethom, ix-xewqa tagħhom għat-tisħiħ ta' dak l-irbit u sabiex jistabbilixxu relazzjoni mill-qrib u dejjiema msejsa fuq ir-reċiproċità u l-interess reċiproku, li għandha tippermetti lill-Montenegro sabiex isaħħaħ u jestendi ulterjorment ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Komunità u ma' l-Istati Membri.

Wara l-KUNSIDERAZZJONI ta' l-importanza ta' dan il-Ftehim, fil-qafas tal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (pSA) mal-pajjiżi tax-Xlokk ta' l-Ewropa, fil-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' ordni Ewropew stabbli bbażat fuq il-koperazzjoni, li tiegħu l-Ewropa hija l-pedament, kif ukoll fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà.

Wara l-KUNSIDERAZZJONI tar-rieda ta' l-Unjoni Ewropea sabiex tintegra lill-Montenegro sa l-aktar limitu possibbli fl-attivitajiet politiċi u ekonomiċi ta' l-Ewropea u l-istatus tiegħu bħala kandidat potenzjali għal sħubija fl-UE abbażi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat UE") u t-twettiq tal-kriterji ddefiniti mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 1993 kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-pSa, suġġetti għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Ftehim, notevolment fir-rigward tal-koperazzjoni reġjonali.

Wara l-KUNSIDERAZZJONI tas-Sħubija Ewropea, li jidentifika l-prijoritajiet għal azzjoni għall-appoġġ ta' l-isforzi tal-pajjiż sabiex jersaq eqreb lejn l-Unjoni Ewropea.

Wara li KKUNSIDRAT l-impenn tal-Partijiet sabiex jikkontribwixxu b'kull mezz possibbli lejn l-istabilizzazzjoni politika, ekonomika u istituzzjonali tal-Montenegro kif ukoll fir-reġjun, permezz ta' l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u d-demokratizzazzjoni, il-bini ta' l-istituzzjonijiet u r-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika, l-integrazzjoni tal-kummerċ reġjonali u l-koperazzjoni ekonomika mtejba, kif ukoll permezz tal-koperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma, partikolarment fil-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, u t-tisħiħ tas-sigurtà nazzjonali u reġjonali.

Wara li KKUNSIDRAT l-impenn tal-Partijiet lejn żieda fil-libertajiet politiċi u ekonomiċi bħala l-bażi ta' dan il-Ftehim, kif ukoll l-impenn tagħhom għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-Istat tad-dritt, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, u l-prinċipji demokratiċi permezz ta' sistemi ta' iktar minn partit wieħed b'elezzjonijiet liberi u ġusti.

Wara l-KUNSIDERAZZJONI ta' l-impenn tal-Partijiet lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji kollha u d-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, notevolment dawk ta' l-Att Finali tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Att Finali ta' Ħelsinki"), id-dokumenti konklużivi tal-Konferenzi ta' Madrid u Vjenna, il-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida, u l-Patt ta' Stabbilità għax-Xlokk ta' l-Ewropa, sabiex jingħata kontribut lejn l-istabbiltà reġjoanli u l-koperazzjoni fost il-pajjiżi tar-reġjun.

L-AFFERMAZZJONI mill-ġdid tad-dritt tar-ritorn għar-refuġjati u l-persuni spostati internament kollha u għall-protezzjoni tal-propjetà tagħhom u drittijiet tal-bniedem oħra relatati.

Wara l-KUNSIDERAZZJONI ta' l-impenn tal-Partijiet lejn il-prinċipji ta' l-ekonomija tas-suq liberu u għall-iżvilupp sostenibbli kif ukoll għar-rieda tal-Komunità sabiex tikkontribwixxi għar-riformi ekonomiċi fil-Montenegro.

Wara l-KUNSIDRAZZJONI ta' l-impenn tal-Partijiet lejn il-kummerċ liberu, konformement mad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mis-sħubija fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO);

Wara l-KUNSIDERAZZJONI tax-xewqa tal-Partijiet sabiex jiżviluppaw ulterjorment id-djalogu politiku regolari dwar kwistjonijiet bilaterali u internazzjonali ta' interess reċiproku, b'kont meħud tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (PBSK) ta' l-Unjoni Ewropea;

Wara l-KUNSIDRAZZJONI ta' l-impenn tal-Partijiet lejn il-ġlieda tal-kriminalità organizzata u lejn it-tisħiħ tal-koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu abbażi tad-dikjarazzjoni maħruġa mill-Konferenza Ewropea fl-20 ta' Ottubru 2001;

KONVINTI li l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "dan il-Ftehim") ser joħloq atmosfera ġdida għar-relazzjonijiet ekonomiċi bejniethom u, iktar minn hekk, għall-iżvilupp tan-negozju u l-investiment, fatturi kruċjali għar-ristrutturazzjoni ekonomika u l-modernizzazzjoni;

BIL-ĦSIEB ta' l-impenn minn naħa tal-Montenegro għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tiegħu ma' dik tal-Komunità fis-setturi rilevanti, u għall-implimentazzjoni effettiva tagħha;

B'KONT MEĦUD tar-rieda tal-Komunità sabiex tipprovdi appoġġ deċiżiv għall-implimentazzjoni tar-riformi u għall-użu ta' l-istrumenti disponibbli kollha ta' koperazzjoni u għajnuna teknika, finanzjarja u ekonomika fuq bażi komprensiva, indikattiva u multiannwali għal dan il-għan;

B'KONFERMA li d-dispożizzjonijet ta' dan il-Ftehim li jaqgħu fl-ambitu tal-Parti III, tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim KE") jorbot lir-Renju Unit u l-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti tal-Komunità, kemm-il darba r-Renju Unit jew l-Irlanda (kif jista' jkun il-każ) javżaw lill-Montenegro li hu sar marbut bħala parti mill-Komunità konformement mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat UE u t-Trattat KE. L-istess japplika għad-Danimarka, skond il-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka;

Filwaqt li JIFTAKRU li s-*Summit* ta' Żagreb, li sejjaħ għall-konsolidazzjoni ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi tal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koperazzjoni reġjonali mtejba;

Filwaqt li JFAKKRU li s-*Summit* ta' Tessalonika saħħaħ il-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bħala qafas ta' politika għar-relazzjoniijiet ta' l-Unjoni Ewrpea mal-pajjiżi tal-Punent tal-Balkani u enfasizza l-prospett ta' l-integrazzjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea abbażi tal-progress individwali fir-riformi u l-mertu;

Filwaqt li JFAKKRU li l-iffirmar f'Bukarest tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Liberu fl-Ewropa Ċentrali fid-19 ta'Diċembru 2006 bħala mezz ta' titjib ta' l-abbiltà tar-reġjun sabiex jiġbed investimenti u l-prospetti ta' l-integrazzjoni tiegħu fl-ekonomija globali;

Filwaqt li JURU X-XEWQA li tiġi stabbilita koperazzjoni kulturali eqreb u l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## ARTIKOLU 1

1. Hija b'dan stabbilita Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra.

2. L-għanijiet ta' l-Assoċjazzjoni huma:

(a) li jingħata appoġġ għall-isforzi ta' Montengero għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-Istat tad-dritt;

(b) li jingħata kontribut lejn stabbilità politika, ekonomika u istituzzjonali fil-Montenegro, kif ukoll l-istabilazzazzjoni tar-reġjun;

(ċ) li jkun ipprovdut qafas adegwat għad-djalogu politiku, li jippermetti l-iżvilupp ta' relazzjonijiet politiċi eqreb bejn il-Partijiet;

(d) li jingħata appoġġ lill-isforzi tal-Montenegro għall-iżvilupp tal-koperazzjoni ekonomika u internazzjonali tiegħu, inkluż permezz ta' l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tiegħu ma' dik tal-Komunità;

(e) li jingħata appoġġ għall-isforzi tal-Montenegro sabiex ilesti t-tranżazzjoni għal ekonomija tas-suq li tiffunzjona;

(f) li ssir promozzjoni ta' relazzjonijiet ekonomiċi armonjużi u l-iżvilupp gradwali ta' żona kummerċjali libera bejn il-Komunità u Montenegro;

(g) li titrawwem koperazzjoni reġjonali fl-oqsma kollha koperti minn dan il-Ftehim.

# TITOLU I
# PRINĊIPJI ĠENERALI

## ARTIKOLU 2

Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet tal-bniedem kif iddikjarati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif imfissra fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali fl-Att Finali ta' Ħelsinki u fil-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida, ir-rispett għall-prinċipji tal-liġi internazzjonali u għall-istat tad-dritt, kif ukoll għall-prinċipji ta' ekonomija tas-suq kif tidher fid-Dokument tas-CSCE tal-Konferenza ta' Bonn dwar Koperazzjoni Ekonomika, għandhom ikunu s-sisien tal-politika domestika u esterna tal-Partijiet u jikkostitwixxu elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 3

Il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi sabiex jitwettqu jikkostitwixxu element essenzjali mill-Ftehim.

ARTIKOLU 4

Il-Partijiet Kontraenti jaffermaw mill-ġdid l-importanza li jagħtu lejn l-implimentazzjoni ta' l-obbligi internazzjonali, notevolment il-koperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY.

ARTIKOLU 5

Il-paċi u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minornazi huma ċentrali għall-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni msemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ġunju 1999. Il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim jiġu fi ħdan il-qafas tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tad-29 ta' April 997 u huma bbażati fuq il-merti individwali tal-Montenegro.

ARTIKOLU 6

Il-Montenegro jimpenja ruħu li jkompli jrawwem il-koperazzjoni u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinanza mal-pajjiżi l-oħra tar-reġjun inkluż livell adegwat ta' konċessjonijiet reċiproċi fir-rigward tal-moviment tal-persuni, tal-prodotti, tal-kapital u tas-servizzi kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni, notevolment dawk relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, l-emigrazzjoni illegali u l-ittraffikar, inklużi partikolarment, tal-bnedmin, ta' l-armi u armamenti żgħar, kif ukoll tad-drogi illegali. Dan l-impenn jikkostitwixxi fattur ewlieni fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet u l-koperazzjoni bejn il-Partijiet u b'hekk jikkontribwixxi għal stabbiltà reġjonali.

ARTIKOLU 7

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza li jagħtu lill-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-implimentazzjoni ta' l-obbligi internazzjonali f'din iż-żona.

ARTIKOLU 8

L-assoċjazzjoni għandha titwettaq gradwalment b'mod sħiħ fuq perjodu tranżitorju ta' massimu ta' 5

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "KSA"), stabbilit taħt l-Artikolu 119, għandu jirrivedi regolarment, bħala regola fuq bażi annwali, l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi legali, amministrattivi, istutuzzjonali u ekonomiċi min-naħa tal-Montenegro. Din ir-reviżjoni għandha titwettaq fid-dawl tal-preambolu u skond il-prinċipji ġenerali ta' dan il-Ftehim. Ser tqis kif jixraq il-prijoritajiet stipulati fis-Sħubija Ewropea rilevanti għal dan il-Ftehim u se tkun koerenti mal-mekkaniżmi stabbiliti taħt il-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, notevolment ir-rapport ta' progress dwar il-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Abbażi ta' din ir-reviżjoni, il-KSA se joħroġ rakkomandazzjonijiet u jista' jieħu d-deċiżjonijiet. Meta r-reviżjoni tidentifika diffikultajiet partikolari, dawn jitressqu quddiem il-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim stabbiliti taħt dan il-Ftehim.

L-assoċjazzjoni sħiħa għandha tiġi realizzata progressivament. Mhux aktar tard minn ħames sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-KSA għandu jagħmel reviżjoni fid-dettall ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Abbażi ta' din ir-reviżjoni, il-KSA għandu jevalwa l-progress li jkun għamel il-Montenegro u jista' jieħu deċiżjonijiet dwar l-istadji sussegwenti ta' assoċjazzjoni.

Ir-reviżjoni msemmija mhijiex sejra tapplika għall-moviment liberu ta' prodotti, li għalih hija prevista skeda speċifika fit-Titolu IV.

## ARTIKOLU 9

Il-Ftehim għandu jkun kompatibbli bis-sħiħ, kif ukoll implimentat b'mod konsistenti, mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-WTO, partikolarment ma' l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT 1994) u l-Artiklu V tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS).

# TITOLU II
# DJALOGU POLITIKU

## ARTIKOLU 10

1. Id-djalogu politiku bejn il-Partijiet ser jiġi żviluppat ulterjorment fil-kuntest ta' dan il-Ftehim. Għandu jakkumpanja u jikkonsolida l-approssimazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' rabtiet mill-qrib ta' solidarjetà u suriet ġodda ta' koperazzjoni bejn il-Partijiet.

2. Id-djalogu politiku huwa intiż li jippromwovi partikolarment:

(a) l-integrazzjoni sħiħa tal-Montenegro fil-komunità ta' nazzjonijiet demokratiċi u l-approssimazzjoni gradwali lejn l-Unjoni Ewropea;

(b) konverġenza dejjem tikber tal-pożizzjonijiet tal-Partijiet dwar kwistjonijiet internazzjonali, inklużi kwistjonijiet dwar il-PESK, anke permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni kif meħtieġ, dwar dawk il-kwistjonijiet li jolqtu lill-Partijiet b'mod sostanzjali.

(ċ) il-koperazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ta' relazzjonijet tajba ta' viċinat;

(d) il-fehmiet komuni dwar is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa, inkluża l-koperazzjoni f'oqsma koperti mill-PESK ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa (WMD) u l-mezzi ta' kif dawn jitwasslu, kemm lil atturi statali u lil oħrajn li m'humiex, hija waħda mill-iktar theddid serju fuq l-istabbiltà u s-sigurtà globali. Għalhekk il-Partijiet jaqblu sabiex jikkoperaw u jikkontribwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi ta' kif dawn jitwasslu permezz ta' konverġenza sħiħa, u implimentazzjoni nazzjonali, ta' l-obbligi eżistenti taħt it-Trattati u l-Ftehim tad-diżarm internazzjonali u n-nuqqas ta' proliferazzjoni kif ukoll obbligi internazzjonali rilevanti oħra. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim u ser tkun parti mid-djalogu politiku li ser jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi.

Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw u jikkontrobwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' l-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi li bihom jitwasslu:

(a) jieħdu passi favur l-iffirmar, ir-ratifika, jew is-sħubija, kif meħtieġ, u jimplimentaw bis-sħiħ strumenti internazzjonali rilevanti oħra;

(b) jistabbilixxu sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali ta' l-esportazzjoni, li jikkontrollaw l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu ta' prodotti marbuta mal-WMD, inkluż il-kontroll ta' l-użu tal-WMD dwar teknoloġiji b'użu doppju u b'sanzjonijiet effettivi fuq il-ksur tal-kontrolli ta' l-esportazzjoni;

(ċ) djalogu politiku dwar din il-kwistjoni, li jista' jseħħ fuq bażi reġjonali.

ARTIKOLU 11

1. Id-djalogu politiku għandu jseħħ fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li ser ikollu r-responsabbiltà ġenerali minn kwalunkwe kwistjoni li l-Partijiet ikunu jixtiequ jressqulu.

2. Fuq it-talba tal-Partijiet, id-djalogu politiku jista' jseħħ ukoll fil-formati li ġejjin:

(a) laqgħat, fejn meħtieġ, ta' uffiċjali għolja li jirrappreżentaw lill-Montenegro, minn naħa waħda, u l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, is-Segretarju Ġenerali/Ir-Rappreżentant Għoli tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Kummissjoni Ewropea, min-naħa l-oħra;

(b) jittieħed vantaġġ mill-kanali diplomatiċi bejn il-Partijiet, inklużi l-kuntatti xierqa f'pajjiżi terzi u fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, l-OSCE, il-Kunsill ta' l-Ewropa u fora internazzjonali oħra;

(ċ) kwalunkwe mezz ieħor li jista' jagħti kontribut utli għall-konsolidazzjoni, l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' dan id-djalogu, inklużi dawk il-mezzi identifikati fl-aġenda ta' Tessaloniki, adottati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2003.

ARTIKOLU 12

Għandu jseħħ djalogu politiku fuq livell parlamentari fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit taħt l-Artikolu 125.

ARTIKOLU 13

Id-djalogu politiku jista' jseħħ fi ħdan qafas multilaterali, u bħala djalogu reġjonali li jinkludi pajjiżi oħra mir-reġjun, inkluż il-qafas ta' l-UE – il-forum tal-Punent tal-Balkani.

# TITOLU III

# KOPERAZZJONI REĠJONALI

## ARTIKOLU 14

Konformement ma' l-impenji tiegħu favur il-paċi u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u sabiex jiżviluppa relatazzjonijiet tajba ta' viċinat, il-Montenegro għandu jippromwovi attivament il-koperazzjoni reġjonali. Il-programmi ta' għajnuna tal-Komunità jistgħu jappoġġaw proġetti ta' dimensjonijiet reġjonali jew tanskonfinali permezz tal-programmi tagħha ta' assistenza teknika.

Kull meta l-Montenegro jipprevedi li jinforza mill-ġdid il-koperazzjoni tiegħu ma' wieħed mill-pajjiżi msemmijin fl-Artikoli 15, 16 u 17, għandu javża u jikkonsulta lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha skond id-dispożizzjonijet stipulati fit-Titolu X.

Il-Montenegro u jimplimenta bis-sħiħ il-Ftehim bilaterali eżistenti negozjati skond il-Memorandum ta' Spjegazzjoni dwar il-Faċilitazzjoni u l-Liberalizzazzjoni tal-Kummerċ iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2001 mis-Serbja u l-Montenegro u l-Ftehim tal-Kummerċ Liberu ta' l-Ewropa Ċentrali ffirmat f'Bukarest fid-19 ta'Diċembru 2006.

# ARTIKOLU 15

## Koperazzjoni ma' pajjiżi oħra li ffirmaw Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

Wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu jiftaħ negozjati ma' pajjiżi oħrajn li diġà ffirmaw Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sabiex jikkonkludi konvenzjonijiet bilaterali dwar il-koperazzjoni reġjonali, li l-għan tagħhom hu t-titjib ta' l-ambitu tal-koperazzjoni bejn il-pajjiżi kkonċernati.

L-elementi ewlenin ta' dawn il-konvenzjonijiet għandhom ikunu:

(a) id-djalogu politiku;

(b) il-ħolqien ta' żoni ta' kummerċ liberu, konformement mad-dispożizzjonijet rilevanti tal-WTO;

(ċ) konċessjonijiet reċiproċi dwar il-moviment tal-ħaddiema, l-istabbiliment, l-għotja ta' servizzi, il-pagamenti kurrenti u movimenti tal-kapital kif ukoll politika oħra relatata mal-moviment tal-persuni fuq livell ekwivalenti għal dak ta' dan il-Ftehim.

(d) dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni f'oqsma oħra koperti, u oħrajn li m'humiex, minn dan il-Ftehim u notevolment fil-qasam tal-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà.

Dawn il-konvenzjonjiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet għall-ħolqien tal-mekkaniżmi istituzzjonali neċessarji, kif meħtieġ.

Dawn il-konvenzjonijiet ser jiġu konklużi *fi żmien sentejn* mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Ir-rieda min-naħa tal-Montenegro sabiex jikkonkludi dawn il-konvenzjonijiet ser tkun kundizzjoni għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn il-Montenegro u l-Komunità Ewropea.

Il-Montenegro għandu jiftaħ negozjati simili mal-bqija tal-pajjiżi tar-reġjun ladarba dawn il-pajjiżi jiffirmaw Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

## ARTIKOLU 16
## Koperazzjoni ma' pajjiżi oħra
## konċernati mill-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

Il-Montenegro għandu jsegwi koperazzjoni ma' Stati oħra kkonċernati mill-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni f'xi qasam, jew fl-oqsma kollha ta' koperazzjoni koperti minn dan il-Ftehim, u notevolment dawk ta' interess komuni. Din il-koperazzjoni għandha tkun dejjem kompatibbli mal-prinċipji u l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 17

Koperazzjoni ma' pajjiżi oħra li huma kandidati għall-adeżjoni ma' l-UE
u li mhumiex konċernati mill-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

1. Il-Montenegro għandu jrawwem il-koperazzjoni tiegħu u jikkonkludi konvenzjoni dwar il-koperazzjoni reġjonali ma' kwalunkwe pajjiż kandidat għall-adeżjoni ma' l-UE fi kwalunkwe qasam ta' koperazzjoni kopert minn dan il-Ftehim. Dawn il-konvenzjonijiet għandhom ikollhom l-għan li gradwalment jikkonverġu r-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Montenegro u dan il-pajjiż għall-parti rilevanti tar-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u dan il-pajjiż.

2. Il-Montenegro għandu jiftaħ negozjati mat-Turkija li stabbilixxiet unjoni doganali mal-Komunità Ewropea, bil-ħsieb li jikkonkludi, fuq bażi vantaġġjuża għaż-żewġ partijiet, Ftehim li jistabbilixxi żona ta' kummerċ liberu skond l-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 kif ukoll li jilliberalizza l-istabbiliment u l-forniment ta' servizzi bejniethom fuq livell ekwivalenti ta' dan il-Ftehim skond l-Artikolu V tal-GATS.

Dawn in-negozjati għandhom jinfetħu kemm jista' jkun malajr, bil-ħsieb li jiġi konkluż il-Ftehim imsemmi hawn fuq qabel tmiem il-perjodu tranżitorju li ssir referenza għalih fl-Artikolu 18(1).

# TITOLU IV

# MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

## ARTIKOLU 18

1. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jistabbilixxu gradwalment żona libera fuq perjodu massimu ta' ħames snin li jibda minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u skond dawk ta' GATT ta' l-1994 u tal-WTO. Meta jagħmlu dan huma għandhom jikkunsidraw il-ħtiġijiet speċifiċi stabbiliti aktar 'l isfel.

2. In-Nomenklatura Magħquda għandha tiġi applikata għall-klassifikazzjoni ta' prodotti fil-kummerċ bejn il-Partijiet.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim dazji doganali u ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti għal dazji doganali jinkludu kwalunkwe dazju jew kwalunkwe ħlas imposti b'rabta ma' l-importazzjoni jew esportazzjoni ta' prodott, inkluża kull sura ta' soprataxxa jew ħlas addizzjonali b'rabta ma' din l-importazzjoni jew esportazzjoni, iżda ma jinkludu l-ebda:

(a) ħlas ekwivalenti għal taxxa interna imposta konsistentement mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu III tal-GATT ta' l-1994,

(b) miżuri ta' *antidumping* jew miżuri kompensatorji,

(ċ) miżati jew ħlasijiet oħra proporzjonali għall-ispejjeż tas-servizzi mogħtija.

4. Għal kull prodott, id-dazju bażiku li fuqu għandu jiġi applikat it-tnaqqis suċċessiv ta' ħlasijiet stabbilit f'dan il-Ftehim għandu jkun:

(a) it-Tariffa Doganali Komuni Komunitarja, stabbilita skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[1], attwalment tapplika *erga omnes* minn jum l-iffirmar ta' dan il-Ftehim[2],

(b) it-tariffa Montenegrina applikata[3].

5. Jekk, wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, jiġi applikat kwalunkwe tnaqqis tat-tariffa fuq bażi *erga omnes*, partikolarment tnaqqis li jirriżulta:

(a) minn negozjar tat-tariffi fil-WTO,

(b) fil-każ ta' l-adeżjoni tal-Montenegro fil-WTO jew,

(ċ) minn tnaqqis sussegwenti wara l-adeżjoni tal-Montenegro fil-WTO,

Dawn id-dazji mnaqqsa jissostitwixxu d-dazju bażiku msmmi fil-paragrafu 4 mid-data meta jiġi applikat dan it-tnaqqis.

6. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jikkomunikaw lil xulxin id-dazji bażiċi rispettivi tagħhom u kwalunkwe tibdil fid-dazji.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (ĠU L 256, 7.9.1987, p.1).
2
3 Ġurnal Uffiċjali tal-Montenegro Nru 17/07.

# KAPITOLU I

# PRODOTTI INDUSTRIALI

## ARTIKOLU 19

### Definizzjoni

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għal prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fil-Montenegro elenkati fil-Kapitoli minn 25 sa 97 tan-Nomenklatura Magħquda, ħlief għal prodotti li jidhru fil-lista fl-Anness I, § I, (ii) tal-Ftehim WTO dwar l-Agrikoltura.

2. Il-kummerċ bejn il-Partijiet fi prodotti milquta mit-Trattat KE ta' l-Enerġija Atomika għandu jitmexxa skond id-disposizzjonijiet ta' dak it-Trattat.

## ARTIKOLU 20

### Konċessjonijiet Komunitarji fuq prodotti industrijali

1. Id-dazji doganali fuq importazzjoni fil-Komunità u l-ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti fuq prodotti li joriġinaw mill-Montenegro għandhom jitħassru minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni fil-Komunità u l-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq prodotti industrijali li joriġinaw mill-Montenegro għandhom jitneħħew minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 21

Konċessjonijiet Montenegrini fuq prodotti industrijali

1. Id-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' prodotti industrijali li joriġinaw mill-Komunità fil-Montenegro, ħlief għal dawk li huma elenkati fl-Anness I, għandhom jitneħħew minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Il-ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti għal dazji doganali fuq l-importazzjoni lejn il-Montenegro ta' prodotti industrijali li joriġinaw mill-Komunità għandhom jitneħħew minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

3. Id-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' prodotti industrijali li joriginaw mill-Komunità fil-Montenegro, u li huma elenkati fl-Anness I, għandhom jitnaqqsu progressivament u jitneħħew skond l-iskeda indikata.

4. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq importazzjoni ta' prodotti industrijali li joriġinaw mill-Komunità fil-Montenegro u miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għandhom jitneħħew minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 22

Dazji u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni

1. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom ineħħu kull dazju doganali fuq l-esportazzjonikif ukoll ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti fuq il-kummerċ ta' bejniethom minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom ineħħu kull restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni ta' bejniethom kif ukoll il-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 23

Tnaqqis aktar rapidu fid-dazji doganali

Il-Montenegro jiddikjara li lest li jnaqqas id-dazji doganali fuq il-kummerċ mal-Komunità b'mod iktar mgħaġġel milli hu msemmi fl-Artikolu 21, jekk is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tiegħu u s-sitwazzjoni fil-qasam ekonomiku kkonċernat ikunu jippermettu.

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu janalizza s-sitwazzjoni f'dan ir-rigward u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti.

# KAPITOLU II

# AGRIKOLTURA U SAJD

## ARTIKOLU 24

### Definizzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw fuq il-kummerċ ta' prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fil-Komunità jew fil-Montenegro.

2. It-terminu "prodotti agrikoli u tas-sajd" jirreferi għall-prodotti elenkati fil-Kapitoli 1 sa 24 tan-Nomenklatura Magħquda u l-prodotti elenkati fl-Anness I, §I, (ii) tal-Ftehim WTO dwar l-Agrikoltura.

3. Id-definizzjoni tinkludi l-ħut u prodotti tas-sajd koperti mill-kapitolu 3, l-intesturi 1604 u 1605, u s-sottointestaturi 0511 91, 2301 20 u ex 1902 20 ('għaġina mimlija li fiha iktar minn 20% tal-piż f'ħut, krustaċji, molluski jew invertebrati akwatiċi oħrajn').

## ARTIKOLU 25

### Prodotti agrikoli proċessati

Il-Protokoll 1 jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali għal prodotti agrikolu proċessati li huma elenkati fih.

## ARTIKOLU 26

### Konċessjonijiet Komunitarji fuq importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Montenegro

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tneħħi kull restrizzjoni jew miżura kwantitattiva li jkollhom effett ekwivalenti, fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Montenegro.

2. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tneħħi d-dazji doganali u l-ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti , fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Montenegro ħlief dawk elenkati fl-intestaturi 0102, 0201, 0202, 1701, 1702 u 2204 tan-Nomenklatura Magħquda.

Għall-prodotti koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda, li għalihom it-Tariffa Doganali Komuni tipprovdi l-applikazzjoni ta' dazji doganali *ad valorem* u dazju doganali speċifiku, l-eliminazzjoni tapplika biss għall-parti *ad valorem* tad-dazju.

3. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Komunità għandha tistabbilixxi d-dazji doganali applikabbli fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti ta' "*baby beef*" imfissra fl-Anness II u li joriġinaw fil-Montenegro għal 20% tad-dazju *ad valorem* tad-dazju speċifiku kif stabbilit fit-Tariffi Doganali Komuni Komunitarja, fil-limitu ta' kwota ta' tariffa annwali ta' 800 tunnellata f'piż tal-karkassa.

ARTIKOLU 27

Konċessjonijiet Montenegrini fuq prodotti agrikoli

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu jneħħi r-restrizzjonijiet kwantitattivi kollha u miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità.

2. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu:

(a) ineħħi d-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli li joriginaw fil-Komunità, elenkati fl-Artikolu III(a):

(b) progressivament ineħħi d-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità, elenkati fl-Artikolu III(b) skond l-iskeda indikata għal kull prodott f'dak l-Anness.

(ċ) progressivament inaqqas id-dazji doganali għal 50% applikabbli għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità, elenkati fl-Artikolu III(c) skond l-iskeda indikata għal kull prodott f'dak l-Anness.

ARTIKOLU 28

Protokoll dwar prodotti ta' nbid u xarbiet alkoħoliċi

L-arranġamenti applikabbli għall-prodotti ta' inbid u xarbiet alkoħoliċi msemmija fil-Protokoll 2 huma stabbiliti f'dak il-Protokoll.

ARTIKOLU 29

Konċessjonijiet Komunitarji fuq prodotti ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tneħħi r-restrizzjonijiet kwantitattivi kollha u l-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq importazzjoni ta' ħut u prodotti tas-sajd li joriginaw fil-Montenegro.

2. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tneħħi id-dazji doganali u l-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq il-ħut u l-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Montenegro ħlief dawk elenkati fl-Anness IV. Il-prodotti elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet stipulati fih.

ARTIKOLU 30

Konċessjonijiet Montenegrini fuq prodotti ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Komunità għandha tneħħi r-restrizzjonijiet kwantitattivi kollha u l-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq importazzjoni ta' ħut u prodotti tas-sajd li joriginaw fil-Montenegro.

2. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu jneħħi d-dazji doganali u l-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti fuq il-ħut u l-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Komunità ħlief dawk elenkati fl-Anness IV. Il-prodotti elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet stipulati fih.

ARTIKOLU 31

Klawsola ta' reviżjoni

B'kont meħud tal-volum ta' kummerċ fi prodotti agrikoli u tas-sajd bejn il-Partijiet, tas-sensittivitajiet partikolari tagħhom, tar-regoli tal-politika komuni tal-Komunità u tal-politika tal-Montenegro fl-agrikoltura u fis-sajd, tal-funzjoni ta' l-agrikoltura u s-sajd fl-ekonomija tal-Montenegro, u tal-konsegwenzi tan-negozjati fil-kummerċ multilaterali fi ħdan il-qafas tal-WTO, il-Komunità u l-Montenegro għandhom jeżaminaw fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, mhux iktar tard minn 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, prodott bi prodott u skond proċess reċiproku ordinat u adegwat, l-opportunitajiet sabiex jagħtu lil xulxin iktar konċessjonijiet bil-għan li jimplimentaw liberalizzazzjoni ikbar fil-kummerċ ta' prodotti agrikoli u tas-sajd.

ARTIKOLU 32

Klawsola ta' salvagwardja dwar l-agrikoltura u s-sajd

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, u partikolarment l-Artikolu 41, meqjusa s-sensittività tas-swieq agrikoli u tas-sajd, jekk l-importazzjoni ta' prodotti li joriginaw f'Parti waħda, u li jkunu s-suġġetti ta' konċessjonijiet mogħtija skond l-Artikoli 25, 26, 27, 27, 28, 29 u 30, tiddisturba serjament lis-swieq jew lill-mekkaniżmi regolatorji domestiċi tagħhom, iż-żewġ partijiet għandhom minnufih jikkonsultaw lil xulxin sabiex isibu soluzzjoni xierqa. Sakemm tinstab din is-soluzzjoni, il-Parti interessata tista' tieħu l-miżuri xierqa li jidhrilha li jkunu neċessarji.

ARTIKOLU 33

Il-protezzjoni ta' l-inidkazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd u ta' prodotti ta' l-ikel diversi minn inbid u xarbiet alkoħoliċi

1. Il-Montenegro għandu jipprovdi għall-protezzjoni ta' l-inidkazzjonijiet ġeografiċi tal-Komunità rreġistrati fil-Komunità taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u indikazzjonijiet ta' oriġini għal prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel[4] skond it-termini ta' dan l-Artikolu. L-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' Montenegro għandhom ikunu eliġibbli sabiex jiġu rreġistrati fil-Komunità taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

---

4 ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

2. Il-Montenegro għandu jipprojbixxi kwalunkwe użu fit-territorju tiegħu ta' ismijiet protetti fil-Komunità għal prodotti komparabbli li ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika. Dan għandu japplika saħansitra fejn l-oriġini ġeografika vera tal-prodott hija indikata, l-indikazzjoni ġeografika in kwistjoni tintuża f'forma tradotta, l-isem huwa akkumpanjat minn termini bħal "għamla", "tip", "stil", "imitazzjoni", "metodu" jew espressjonijiet oħra ta' din ix-xorta.

3. Il-Montenegro għandu jirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' *trademark* li l-użu tagħha jikkorrispondi għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. It-*trademarks* li l-użu tagħhom jikkorrispondi għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, li jkunu ġew irreġistrati fil-Montenegro jew stabbiliti permezz ta' l-użu, m'għandhomx jibqgħu jintużaw wara l-1 ta' Jannar 2009. Madankollu, dan m'għandux japplika għal *trademarks* irreġistrati fil-Montenegro u *trademarks* stabbiliti permezz ta' l-użu u li huma propjetà ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kemm-il darba ma jkunux ta' natura li bi kwalunkwe mod tqarraq bil-pubbliku fir-rigward tal-kwalità, l-ispeċifikazzjoni u l-oriġini ġeografika tal-prodotti.

5. Kwalunkwe użu ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skond il-paragrafu 1, bħala termini abitwali fil-lingwaġġ komuni għal dawn il-prodotti fil-Montenegro, għandu jieqaf sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2009.

6. Il-Montenegro għandu jiżgura li l-prodotti esportati mit-territorju tiegħu wara l-1 ta' Jannar 2009 ma jiksrux id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

7. Il-Montenegro għandu jiżgura l-protezzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 6 kemm b'inizjattiva tiegħu kif ukoll fuq it-talba ta' parti interessata.

# KAPITOLU III

# DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

## ARTIKOLU 34

### Kamp ta' applikazzjoni

Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-kummerċ tal-prodotti kollha bejn il-Partijiet ħlief fejn jissemma' xorta oħra hawnhekk jew fil-Protokoll 1.

## ARTIKOLU 35

### Konċessjonijiet imtejba

Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu m' għandhom bl-ebda mod jaffettwaw lil kwalunkwe Parti milli tapplika unilateralment miżuri iktar favorevoli.

## ARTIKOLU 36

### Żamma

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, m'għandhomx jiddaħħlu dazji doganali ġodda fuq importazzjoni jew esportazzjoni, jew ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti, lanqas m'għandhom jiżdiedu dawk diġà applikati, fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Montenegro.

2. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, m'għandhomx jiddaħħlu restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti; lanqas dawk eżistenti m'għandhom isiru iktar restrittivi, fil-kummerċ bejn il-Komunità u l-Montenegro.

3. Bla ħsara għall-konċessjonijiet mogħtija bl-Artikoli 26, 27, 28, 29 u 30, id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhom bl-ebda mod iżommu milli titwettaq il-politika agrikola u dik tas-sajd rispettivi tal-Montenegro u tal-Komunità jew milli jittieħdu miżuri taħt dik il-politika kemm-il darba dawn ma jkollhomx effett fuq il-proċedura ta' l-importazzjoni msemmija fl-Annessi II-V.

ARTIKOLU 37

Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fiskali

1. Il-Komunità u l-Montenegro m'għandhomx idaħħlu, u għandhom ineħħu fejn jeżistu, kwalunkwe miżura jew prattika fiskali interni li, direttament jew indirettament, joħolqu diskriminazzjoni bejn il-prodotti tal-Parti l-waħda u prodotti bħalhom li joriġinaw fit-territorju tal-Parti l-oħra.

2. Prodotti li jkunu esportati għat-territorju ta' waħda mill-Partijiet jistgħu ma jgawdux minn ħlas lura ta' taxxa indiretta interna li tkun qabżet l-ammont ta' taxxa indiretta li jkunu suġġetti għaliha.

ARTIKOLU 38

Dmirijiet ta' natura fiskali

Id-disposizzjonijiet dwar it-tneħħija ta' dazji tad-dwana fuq l-importazzjoni għandhom japplikaw ukoll għal dazji doganali ta' natura fiskali.

## ARTIKOLU 39

### Unjonijiet doganali, żoni ta' kummerċ liberu, arranġamenti transkonfinali

1. Dan il-Ftehim m'għandux jipprekludi l-manteniment u l-istabbiliment ta' unjonijiet doganali, żoni ta' kummerċ liberu jew arranġamenti għal kummerċ bejn il-fruntieri ħlief jekk dawn ibiddlu l-arranġamenti tal-kummerċ imsemmija f'dan il-Ftehim.

2. Matul il-perjodi tranżizzjonali msemmija fl-Artikolu 18, dan il-Ftehim m'għandux jaffettwa l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti preferenzjali speċifiċi li jirregolaw il-moviment ta' prodotti skond kif stabbiliti f'kull ftehim tal-fruntiera milħuq qabel bejn Stat Membru jew aktar u s-Serbja u l-Montenegro, jew li jirriżultaw mill-Ftehim bilaterali speċifikat fit-Titolu III milħuq mill-Montenegro għall-promozzjoni tal-kummerċ reġjonali.

3. Għandhom iseħħu konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni dwar il-Ftehim imfissra fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u, jekk ikun hemm talba, dwar kwistjonijiet ewlenin oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-politika rispettiva tagħhom dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Partikolarment, jekk pajjiż terz isir membru ta' l-Unjoni, dawn il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu sabiex ikun assigurat li jitqiesu l-interessi reċiproċi tal-Komunità u tal-Montenegro kif imsemmi f'dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 40

### Dumping u sussidjar

1. L-ebda dispożizzjoni f'dan il-Ftehim m'għandha tfixkel kwaunkwe mill-Partijiet milli tieħu azzjoni ta' difiża tal-kummerċ skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 41.

2. Jekk waħda mill-Partijiet issib li fil-kummerċ mal-Parti l-oħra jkun qed isir *dumping* u/jew issussidjar kompensatorju skond it-tifsira ta' l-Artikolu WTO ta' GATT 1994, hija tista' tieħu miżuri xierqa kontra din il-prattika skond il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT 1994 jew il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji u skond il-leġiżlazzjoni rispettiva relattiva interna tagħha.

ARTIKOLU 41

Klawsola ta' salvagwardji

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu XIX GATT 1994 u l-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji huma applikabbli bejn iż-żewġ partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn kwalunkwe prodott ta' Parti waħda jkun qed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra f'dawn il-kwantitajiet miżjuda u b'kondizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw:

(a) ħsara serja lill-industrija domestika ta' prodotti simili jew li jkunu direttament kompetittivi fit-territorju tal-Parti importatriċi jew

(b) disturbi serji fi kwalunkwe qasam ta' l-ekonomija jew diffikultajiet li minħabba fihom il-qagħda ekonomika ta' reġjun tal-Parti importatriċi tista' teħżien serjament,

il-Parti importatriċi tista' tieħu miżuri xierqa ta' salvagwardja bilaterali skond il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu.

3. Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali fuq l-importazzjoni mill-parti l-oħra m'għandhiex taqbeż dak li hu meħtieġ sabiex jiġu rrimedjati l-problemi, kif imfisser fil-paragrafu 2, li jkunu nqalgħu minħabba l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-miżura ta' salvagwardja adottata għandha tikkonsisti fis-sospensjoni taż-żieda jew fit-tnaqqis tal-marġini ta' preferenza previsti taħt dan il-Ftehim għall-prodott ikkonċernat sa limitu massimu li jikkorrispondi għad-dazju bażiku msemmi fl-Artikolu 18 paragrafu 4 (a) u (b) u l-paragrafu 5 ta' l-istess prodott. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu elementi ċari li progressivament iwasslu għat-teħħija tagħhom, sa mhux iktar tard mit-tmiem tal-perjodu stipulat, u m'għndhomx jittieħdu għal perjodu li jaqbeż is-sentejn.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-miżuri jistgħu jiġu estiżi għal perjodu ulterjuri ta' sentejn massimament. L-ebda miżura ta' salvagwardja bilaterali m'għandha tiġi applikata fuq l-importazzjoni ta' prodott li preċedentement kien suġġett għal din il-miżura għal perjodu ta' mill-inqas 4 snin mill-iskadenza tal-miżura.

4. Fil-każi speċifikati f'dan l-Artikolu, qabel jittieħdu l-miżuri pprovduti fih jew, fil-każi li fuqhom japplika l-paragrafu 5 (b) ta' dan l-Artikolu, kemm jista' jkun malajr, il-Komunità minn naħa waħda u l-Montenegro min-naħa l-oħra, għandhom iressqu, quddiem il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għal analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni, bl-iskop li tinstab soluzzjoni aċċettabli għall-Partijiet ikkonċernati.

5. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-problemi li jinqalgħu mis-sitwazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom immedjatament jintbagħtu sabiex jiġu analizzati mill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li jista' jieħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa sabiex itemm dawn il-problemi.

Jekk il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew il-Parti esportatriċi ma jkunux ħadu deċiżjoni sabiex itemmu l-problemi, jew ma tintlaħaq l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 30 jum minn meta l-kwistjoni titressaq quddiem il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Parti li timporta tista' tadotta l-miżuri xierqa sabiex tiġi rrimedjata l-problema skond dan l-Artikolu. Fl-għażla tal-miżuri ta' salvagwardja, trid tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixklu l-funzjonament ta' l-arranġamenti stabbiliti f'dan il-Ftehim. Il-miżuri ta' salvagwardja applikati skond l-Artikolu XIX GATT 1994 u l-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji għandhom iżommu l-livell/marġini ta' preferenza mogħtija taħt dan il-Ftehim.

(b) Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jew kritiċi li jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmluha impossibli li jkun hemm informazzjoni jew analiżi minn qabel , skond il-każ, il-Parti kkonċernata tista', fis-sitwazzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu, tapplika minnufih il-miżuri proviżorji neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra dwar dan immedjatament.

Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u għandhom ikunu suġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan dik l-entità, partikolarment bil-għan li tiġi stabbilita skeda għat-tneħħija tagħhom skond kif jippermettu ċ-ċirkostanzi.

6. Fl-eventwalità li jew il-Komunità minn naħa waħda jew il-Montenegro min-naħa l-oħra jissottomettu l-importazzjoni ta' prodotti li jistgħu jikkawżaw il-problemi msemmija f'dan l-Artikolu għal proċedura amministrattiva li l-iskop tagħha jkun il-provvista rapida ta' informazzjoni dwar ix-xejra tal-flussi kummerċjali, il-Parti li tkun issottomettiet għandha tgħarraf b'dan lill-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 42

Klawsola applikabbli fil-każ ta' nuqqas

1. Fejn il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu twassal għal:

(a) nuqqas kritiku, jew it-theddida ta' dan, ta' prodotti ta' l-ikel jew prodotti oħrajn essenzjali għall-Parti esportatriċi; jew

(b) ir-riesportazzjoni lejn pajjiż terz ta' prodott li fil-konfront tiegħu l-Parti esportatriċi żżomm restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni, dazji fuq l-esportazzjoni jew miżuri jew ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti, u fejn is-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq iwasslu, jew probabbilment iwasslu, għal diffikultajiet maġġuri għall-Parti esportatriċi

dik il-Parti tista' tieħu miżuri xierqa taħt il-kundizzjonijiet u skond il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Fl-għażla tal-miżuri tal-miżuri, trid tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixklu l-funzjonament ta' l-arranġamenti stabbiliti f'dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri m'għandhomx jiġu applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikata fejn ikunu jipprevalu l-istess kundizzjonijiet, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u għandha titħassar fejn il-kundizzjonijiet ma jkunux jiġġustifikaw iktar iż-żamma tagħhom.

3. Qabel jittieħdu l-miżuri pprovduti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew, kemm jista' jkun malajr f'każi li għalihom japplika l-paragrafu 4, il-Komunità jew il-Montenegro, għandhom jagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet kollha. Il-Partijiet fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistgħu jiftiehmu dwar kwalunkwe mezz neċessarju sabiex itemmu d-diffikultajiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien 30 jum minn meta titressaq il-kwistjoni quddiem il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Parti esportatriċi tista' tapplika miżuri taħt dan l-Artikolu dwar l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat.

4. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jew kritiċi li jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmluha impossibli li jkun hemm informazzjoni jew analiżi minn qabel , skond il-każ, il-Komunità jew il-Montenegro jistgħu japplikaw minnufih il-miżuri proviżorji ta' prekawzjoni sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għandhom jgħarrfu lill-Parti l-oħra dwar dan immedjatament.

5. Kwalunkwe miżura applikata skond dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata minnufih lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u għandha tkun suġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan dik l-entità, partikolarment bil-għan li tiġi stabbilita skeda għat-tneħħija tagħha skond kif jippermettu ċ-ċirkostanzi.

ARTIKOLU 43

Monopolji statali

Fir-rigward ta' kwalunkwe monopolju statali ta' xorta kummerċjali, il-Montenegro għandu jiżgura li, bid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ma' sseħħ l-ebda diskriminazzjoni bejn ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-kundizzjonijiet ta' provvista jew ikkumerċjalizzar tal-prodotti.

ARTIKOLU 44

Regoli ta' l-oriġini

Il-Protokoll 3 jistabbilixxi r-regoli ta' l-oriġini għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ħlief jekk stipulat b'mod ieħor f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 45

Awtorizzazzjoni ta' restrizzjonijiet

Dan il-Ftehim m'għandux jipprekludi l-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti fuq il-bażi ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' bnedmin, annimali jew pjanti; il-protezzjoni ta' teżori pubbliċi ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni ta' proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali, jew regoli relatati mad-deheb u l-fidda. Madanakollu, dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija bejn il-Partijiet.

## ARTIKOLU 46

### Nuqqas fl-għoti ta' koperazzjoni amministrattiva

1. Il-Partijiet jaqblu li l-koperazzjoni amministrattiva hija essenzjali għall-implimentazzjoni u l-kontroll tat-trattament preferenzjali mogħti taħt dan it-Titolu u jenfasizzaw l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u l-frodi fid-dwana u fi kwistjonijiet relatati.

2. Fejn Parti tagħmel sejba, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, ta' nuqqas ta' għoti ta' koperazzjoni amministrattiva u/jew ta' irregolaritajiet jew frodi taħt dan it-Titolu, il-Parti kkonċernata tista' temporanjament tissospendi t-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodott(i) kkonċernat(i) skond dan l-Artikolu.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu n-nuqqas ta' għoti ta' koperazzjoni amministrattiva għandha tfisser, *inter alia*:

(a) in-nuqqas imtenni li jiġu rrispettati l-obbligi għall-verifika ta' l-istatus oriġinali tal-prodott(i) kkonċernat(i);

(b) ir-rifjut imtenni jew id-dewmien mhux dovut fit-twettiq u/jew il-komunikazzjoni tar-riżultati tal-verifika sussegwenti tal-prova ta' l-oriġini;

(ċ) ir-rifjut imtenni jew id-dewmien mhux dovut għall-kisba ta' l-awtorizzazzjoni sabiex jitwettqu missjonijiet ta' koperazzjoni amministrattiva għall-verifika ta' l-awtenticità ta' dokumenti jew ir-reqqa ta' l-informazzjoni rilevanti għall-għotja tat-trattament preferenzjali in kwistjoni.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, sejba ta' irregolaritajiet jew frodi tista' ssir, *inter alia*, fejn ikun hemm żieda mgħaġġla, mingħajr spjegazzjoni sodisfaċenti, fl-importazzjoni ta' prodotti li taqbeż il-livell użwali tal-kapaċità ta' produzzjoni u esportazzjoni tal-Parti l-oħra, li tkun marbuta ma' informazzjoni oġġettiva dwar irregolaritajiet jew frodi.

4. L-applikazzjoni ta' sospensjoni temporanja għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-Parti li tkun għamlet is-sejba, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, ta' nuqqas ta' għoti ta' koperazzjoni amministrattiva u/jew ta' irregolaritajiet jew frodi għandha mingħajr dewmien dovut tavża lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni dwar is-sejbiet tagħha flimkien ma' l-informazzjoni oġġettiva u tibda konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni rilevanti kollha u s-sejbiet oġġettivi, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet.

(b) Fejn il-Partijiet ikunu bdew konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif imsemmi iktar 'il fuq u jkunu naqsu milli jaqblu dwar soluzzjoni aċċettabbli fi żmien tliet xhur wara n-notifika, il-parti kkonċernata tista' tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodott(i) kkonċnernat(i). Sospensjoni temporanja għandha tiġi nnotifikata lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mingħajr dewmien dovut.

(ċ) Is-sospensjoni temporanja taħt dan l-Artikolu għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Parti kkonċernata. M' għandhomx jaqbżu l-perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġġedded. Is-sospensjonijiet temporanji għandhom jiġu nnotifikati minnufih wara l-adozzjoni tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għandhom ikunu suġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni partikolarment bil-għan li jiġu tterminati hekk kif il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ma jibqgħux jgħoddu.

5. Fl-istess żmien tan-notifika lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni taħt il-paragrafu 4a) ta' dan l-Artikolu, il-parti kkonċernata għandha tippubblika notifika għall-impurtaturi fil-Ġurnal Uffiċjali tagħha. In-notifika għall-impurtaturi għandha tindika li hemm sejba dwar il-prodott ikkonċernat, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, ta' nuqqas ta' għoti ta' koperazzjoni amministrattiva u/jew ta' irregolaritajiet jew frodi.

## ARTIKOLU 47

Fil-każ ta' żball mill-awtoritajiet kompetenti fil-ġestjoni xierqa tas-sistema preferenzjali fl-esportazzjoni, u partikolarment fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 għall-Ftehim preżenti liema żball iwassal għal konsegwenzi f'termini ta' dazji ta' importazzjoni, il-Parti Kontraenti li tiffaċċja tali konsegwenzi tista' titlob lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sabiex jeżamina l-possibbiltajiet li jiġu adottati l-miżuri xierqa kollha bil-għan li tissolva l-problema.

ARTIKOLU 48

L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim m'għandux ikun ta' ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Komunità fuq il-Gżejjer Kanarji.

TITOLU V

MOVIMENT TAL-ĦADDIEMA, STABBILIMENT,
PROVVISTA TA' SERVIZZI, KAPITAL

KAPITOLU I

MOVIMENT TAL-ĦADDIEMA

ARTIKOLU 49

1. Suġġett għall-kundizzjonijiet u l-modalitajiet applikabbli f'kull Stat Membru:

(a) it-trattament li jingħata lil ħaddiema li huma ċittadini tal-Montenegro u li huma impjegati legalment fit-territorju ta' Stat Membru għandhom ikunu liberi minn kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-remunerazzjoni jew it-tkeċċija, meta mqabbla maċ-ċittadini ta' l-Istat Membru rispettiv;

(b) il-konjuġi residenti legalment u wlied ħaddiem impjegat legalment fit-territorju ta' Stat Membru, bl-eċċezzjoni ta' ħaddiema staġunali u ta' ħaddiema li jidħlu taħt Ftehim skond it-tifsira ta' l-Artikolu 50, kemm-il darba Ftehim simili ma jipprovdux mod ieħor, għandhom ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru, matul il-perjodu taż-żjara ta' xogħol awtorizzata ta' dak il-ħaddiem.

2. Il-Montenegro għandu, suġġett għall-kundizzjonijiet u l-modalitajiet applikabbli f'dik ir-Repubblika, jipprovdi t-trattament imsemmi fil-paragrafu 1 lil ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma impjegati legalment fit-territorju tiegħu kif ukoll lill-konjuġi tagħhom u lil uliedhom li jirrisjedu legalment fil-Montenegro.

ARTIKOLU 50

1. B'kont meħud tas-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri u suġġett għal-liġijiet tagħhom u għall-konformità mar-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri fil-qasam ta' mobbiltà tal-ħaddiema:

(a) il-faċilitajiet eżistenti ta' aċċess għall-impjiegi għal ħaddiema mill-Montenegro mogħtija mill-Istati Membri taħt Ftehim bilaterali għandhom jinżammu u jekk ikun possibbli jittejbu,

(b) l-Istati Membri l-oħra għandhom jeżaminaw il-possibbiltà li jilħqu Ftehim simili.

2. Wara tliet snin, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jeżamina l-għoti ta' titjib ieħor, inklużi faċilitajiet għall-aċċess għal taħriġ professjonali, konformement mar-regoli u l-proċeduri fis-seħħ fl-Istati Membri, u b'kont meħud tas-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri u fil-Komunità.

ARTIKOLU 51

1. Għandhom jiġu stabbilit regoli għall-koordinazzjoni tas-sistemti ta' sigurtà soċjali għal ħaddiema b'ċittadinanza Montenegrina, impjegati legalment fit-territorju ta' Stat Membru, u għall-membri tal-familji tagħhom residenti legalment hemmhekk. Għal dak il-għan, deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li m'għandha tolqot l-ebda dritt jew obbligu minn Ftehim bilaterali fejn dawn jipprovdu għal trattament iktar favorevoli, għandha ddaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-perjodi kollha ta' assigurazzjoni, impjieg jew residenza ta' dawn il-ħaddiema fid-diversi Stati Membri għandhom jingħaddu flimkien għall-finijiet ta' pensjonijiet u annwalitajiet fir-rigward ta' età avvanzata, invalidità u mewt u għall-finijiet tal-kura medika għal dawn il-ħaddiema u l-membri tal-familja tagħhom;

(b) kull pensjoni u annwalità fir-rigward ta' età avvanzata, mewt, inċident industrijali jew mard okkupazzjonali, jew ta' invalidità li tirriżulta minn dan, ħlief il-benefiċċji li m'humiex kontributorji, għandhom ikunu trasferibbli liberament skond ir-rata applikata bis-saħħa tal-liġi ta' l-Istat jew Stati Membri debituri;

(ċ) il-ħaddiema kkonċernati għandhom jieħdu kull kontribuzzjoni għall-familja għall-membri tal-familja tagħhom kif imfisser iktar 'il fuq;

2. Il-Montenegro għandu jagħti lill-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u impjegati legalment fit-territorju tagħhom, u lill-membri tal-familja tagħhom residenti legalment hemmhekk, trattament simili għal dak speċifikat fil-punti (b) u (ċ) tal-paragrafu 1.

## KAPITOLU II

## STABBILIMENT

### ARTIKOLU 52

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "kumpannija Komunitarja" jew "kumpannija Montenegrina" għandhom ifissru, rispettivament, kumpannija stabbilita konformement mal-liġijiet ta' Stat Membru, jew tal-Montenegro u li jkollha l-uffiċju jew l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha rreġistrati fit-territorju tal-Komunità jew tal-Montenegro. Madankollu, jekk il-kumpannija, stabbilita konformement mal-liġijiet ta' Stat Membru jew tal-Montenegro, ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fit-territorju tal-Komunità jew tal-Montenegro rispettivament, il-kumpannija għandha titqies bħala kumpannija Komunitarja jew Montenegrina jekk il-ħidmiet tagħha jkollhom rabta reali u kontinwa ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri jew tal-Montenegro;

(b) "Sussidjarja" ta' kumpannija għandha tfisser kumpannija li hija effettivament ikkontrollata minn kumpannija oħra;

(ċ) "Fergħa" ta' kumpannija għandha tfisser li l-post tan-negozju mingħajr personalità legali li jkollu d-dehra ta' permanenza, bħall-estensjoni ta' entità prinċipali, jkollu ġestjoni u jkun materjalment mgħammar sabiex jinnegozja kummerċ ma' Partijiet terzi sabiex dawn ta' l-aħħar, għalkemm ikunu jafu li jekk neċessarju jkun hemm rabta legali ma' l-entità prinċipali, l-uffiċju ewlieni li jkun f'pajjiż barrani, ma jkollhomx għalfejn jinnegozjaw direttament ma' l-entità prinċipali iżda jagħmlu tranżazzjonijiet kummerċjali fil-post ta' negozju li jikkostitwixxi l-estensjoni;

(d) "Stabbiliment" għandu jfisser

(i) fir-rigward taċ-ċittadini, id-dritt li jwettqu attivitajiet ekonomiċi bħala persuni li jaħdmu għal rashom (*self-employed)*, u li jistabbilixxu impriżi, partikolarment kumpanniji, li huma jikkontrollow effettivament. Dawk impjegati għal rashom u l-impriżi ta' negozju taċ-ċittadini m'għandhomx jestendu għat-tfittxija jew impjegar fis-suq tax-xogħol jew li jagħtu d-dritt tad-dħul fis-suq tax-xogħol lil Parti oħra. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 ma japplikawx għal persuni li jaħdmu esklużivament għal rashom *(self-employed)*.

(ii) fir-rigward ta' kumpanniji Komunitarji jew Montenegrini, id-dritt li jitwettqu attivitajiet ekonomiċi billi jistabbilixxu sussidjarji u fergħat fil-Montenegro jew fil-Komunità rispettivament;

(e) "Operazzjonijiet" għandha tfisser it-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi;

(f) "Attivitajiet Ekonomiċi" għandha fil-prinċipju tinkludi attivitajiet ta' xejra industrijali, kummerċjali u professjonali u attivitajiet ta' snajja';

(g) "ċittadin Komunitarju" u "ċittadin tal-Montenegro" għandhom rispettivament ifissru persuna naturali ċittadina ta' Stat Membru jew tal-Montenegro rispettivament;

fir-rigward tat-trasport marittimu internazzjonali, inklużi operazzjonijiet intermodali li jinvolvu vjaġġ marittimu, iċ-ċittadini Komunitarji jew ċittadini tal-Montenegro stabbiliti barra mill-Komunità jew mill- iċ-ċittadini Komunitarji, u kumpanniji ta' trasport bil-baħar stabbiliti barra mill-Komunità jew mill-Montenegro u kkontrollati minn ċittadini Komunitarji jew minn ċittadini tal-Montenegro, għandhom ukoll ikunu benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu III, jekk il-bastimenti jkunu rreġistrati f'dak l-Istat Membru jew fil-Montenegro, skond il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom;

(h) "Servizzi finanzjarji" għandhom ifissru dawk l-attivitajiet imfissra fl-Aness VI. Il-Kunsill ta' Stabiizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jestendi jew jimmodifika l-ambitu ta' dak l-Anness.

ARTIKOLU 53

1. Il-Montenegro għandu jiffaċilita l-istabbiliment ta' operazzjonijiet fuq it-territorju tiegħu minn kumpanniji jew ċittadini Komunitarji. Għal dak il-għan, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu joffri:

(a) fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' kumpanniji Komunitarji fit-territorju tal-Montenegro, trattament mhux inqas favorevoli milli jingħata lil kumpanniji tiegħu jew lil kwalunkwe kumpannija minn pajjiż terz, skond liema trattament ikun l-aħjar;

(b) fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat ta' kumpanniji Komunitarji fit-territorju tal-Montenegro ladarba dawn jiġu stabbiliti, trattament mhux inqas favorevoli milli jingħata lil kumpanniji u fergħat tiegħu jew lil kwalunkwe sussidjarja u fergħa ta' kumpannija minn pajjiż terz, skond liema trattament ikun l-aħjar;

2. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom joffru:

(a) fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' kumpanniji Montenegrini, trattament mhux inqas favorevoli milli jingħata mill-Istati Membri lill-kumpanniji tagħhom jew lil kwalunkwe kumpannija minn pajjiż terz, skond liema trattament ikun l-aħjar;

(b) fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' sussidjarji u fergħat ta' kumpanniji Montenegrini, stabbiliti fit-territorju tagħha, trattament mhux inqas favorevoli milli jingħata mill-Istati Membri lill-kumpanniji jew fergħat tagħhom stess, jew lil kwalunkwe sussidjarja jew fergħa ta' kumpannija minn pajjiż terz, stabbilita fit-territorju tagħhom, skond liema trattament ikun l-aħjar.

3. Il-Partijiet m'għandhomx jadottaw regolamenti jew miżuri ġodda li jiddiskriminaw fir-rigward ta' l-istabbiliment ta' kumpanniji ta' kwalunkwe Parti fit-territorju tagħhom jew fir-rigward ta' l-operazzjoni, ladarba din tiġi stabbilita, b'paragun mal-kumpanniji tagħhom stess.

4. Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi l-modalitajiet sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għall-istabbiliment ta' ċittadini Komunitarji jew Montenegrini sabiex iwettqu attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) Is-sussidjarji u l-fergħat ta' kumpanniji Komunitarji għandhom, mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-dritt li jużaw u jikru propjetà fil-Montenegro;

(b) Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, is-sussidjarji u l-fergħat ta' kumpanniji Komunitarji għandhom ikollhom id-dritt li jakkwistaw u jgawdu drittijiet li jkunu sidien ta' propjetà bħall-kumpanniji Montenegrini u fir-rigward ta' kumpanniji Montengrini rispettivament fejn dawn id-drittijiet huma neċessarji għat-twettiq ta' attivitjiet ekonomiċi li għalihom huma stabbiliti.

ARTIKOLU 54

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 56, ħlief għas-servizzi finanzjarji mfissra fl-Anness VI, il-Partijiet jistgħu jirregolaw l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' kumpanniji u ċittadini fit-territorju tagħhom, kemm-il darba dawn ir-regolamenti ma jiddiskriminawx kontra l-kumpanniji u ċ-ċittadini tal-Parti l-oħra b'paragun mal-kumpanniji u ċ-ċittadini tagħhom.

2. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, Parti minnhom ma tistax tiġi ostakolata milli tieħu miżuri għal raġunijiet ta' prudenza, inkluż għall-protezzjoni ta' investituri, depożitanti, detenturi ta' poloż jew persuni li lejhom ikun jeżisti dmir fiduċjarju minn fornitur ta' servizzi finanzjarji, jew milli tiżgura l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dawn il-miżuri m'għandhomx jintużaw bħala mezz sabiex jiġu evitati l-obbligi tal-Parti taħt dan il-Ftehim.

3. L-ebda parti ta' dan il-Ftehim m'għandha tinftiehem li tirrikjedi lil Parti sabiex tikxef informazzjoni b'rabta ma' l-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali jew ta' propjetà fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

ARTIKOLU 55

1. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni miġbura fil-Ftehim Multilaterali dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea[5] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ECAA"), id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu m'għandhomx japplikaw għas-servizzi ta' trasport bl-ajru, servizzi ta' trasport fuq passaġġi interni ta' l-ilma u servizzi ta' kabotaġġ marittimu.

2. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib ta' l-istabbiliment u l-operazzjonijiet fiż-żoni koperti mill-paragrafu 1.

ARTIKOLU 56

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 53 u 54 ma jipprekludux l-applikazzjoni, min-naħa ta' Parti minnhom, ta' regoli partikolari li jikkonċernaw l-istabbiliment u l-operazzjoni fit-territorju tagħha ta' fergħat ta' kumpanniji ta' Parti oħra li m'humiex inkorporati fit-territorju ta' l-ewwel Parti, li huma ġustifikati minn differenzi legali jew tekniċi bejn dawn il-fergħat meta mqabbla ma' fergħat ta' kumpanniji inkorporati fit-territorju tagħha jew, fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet ta' prudenza.

---

5 Ftehim multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika ta' l-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 3).

2. Id-differenza fit-trattament m'għandhiex tmur lil hinn minn dak strettament neċessarju bħala riżultat ta' dawn id-differenzi legali jew tekniċi jew, fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet ta' prudenza.

ARTIKOLU 57

Sabiex jiġu ffaċilitati għaċ-ċittadini Komunitarji u ċ-ċittadini tal-Montenegro t-twettiq u s-segwitu ta' attivitajiet professjonali regolati fil-Montenegro u fil-Komunità rispettivament, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jeżamina liema passi huma neċessarji għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki. Jista' jieħu l-miżuri kollha li huma meħtieġa għal dak il-għan.

ARTIKOLU 58

1. Kumpannija Komunitarja stabbilita fit-territorju tar-Repubblika tal-Montenegro jew kumpannija Montenegrina stabbilita fil-Komunità għandhom ikunu intitolati li jimpjegaw, jew li jimpjegaw permezz ta' waħda mis-sussidjarji jew fergħat tagħha, skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fit-territorju ospitanti ta' l-istabbiliment, fit-territorju tar-Repubblika tal-Montenegro u fil-Komunità rispettivament, impjegati li jkunu ċittadini ta' l-Istati Membri jew ċittadini tal-Montenegro rispettivament, kemm-il darba dawn l-impjegati huma persunal ewlieni skond kif definit fil-paragrafu 2 u li huma impjegati esklużivament minn kumpanniji, sussidjarji jew fergħat. Il-permessi ta' residenza u ta' xogħol ta' dawn l-impjegati għandhom ikopru biss il-perjodu ta' dan l-impjegar.

2. Il-persunal ewlieni tal-kumpanniji msemmija iktar 'il fuq, hawnhekk imsemmija "organizzazzjonijiet", huma 'persuni trasferiti fi ħdan l-istess kumpannija" kif imfisser fl-ittra (c) ta' dan il-paragrafu fil-kategoriji li ġejjin, kemm-il darba l-organizzazzjoni hija persuna legali u jekk il-persuni kkonċernati ġew impjegati minnha jew kienu sħab fiha (ħlief azzjonisti bil-maġġoranza ta' l-ishma), mill-inqas matul is-sena li immedjatament tippreċedi dan iċ-ċaqliq:

(a) Persuni li jaħdmu f'kariga għolja fi ħdan organizzazzjoni, li primarjament jamministraw il-ġestjoni ta' l-istabbiliment, u li huma ssorveljati jew ikkontrollati b'mod ġenerali prinċipalment minn bord ta' diretturi jew azzjonisti tal-kumpannija jew l-ekwivalenti tagħhom inkluż:

(i) id-direzzjoni ta' l-istabbiliment ta' dipartiment jew subdiviżjoni ta' l-istabbiliment;

(ii) is-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħol ta' impjegati oħra ta' sorveljanza, ta' professjoni jew ta' ġestjoni;

(iii) li għandhom personalment l-awtorità li jingaġġaw u jkeċċu jew li jirrakkomandaw l-ingaġġar, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħra relatati mal-persunal;

(b) Il-persuni li jaħdmu fi ħdan organizzazzjoni u li għandhom konoxxenza mhux komuni li huwa essenzjali għas-servizz, għat-tagħmir ta' riċerka, għat-tekniki u l-ġestjoni ta' l-istabbiliment. Il-valutazzjoni ta' din il-konoxxenza tista' tirrifletti, apparti l-konoxxenza speċifika għall-istabbiliment, livell għoli ta' kwalifika dwar tip ta' ħidma jew sengħa li titlob konoxxenza teknika speċifika, inkluża s-sħubija ta' professjoni akkreditata.

(ċ) 'Persuna trasferita fi ħdan l-istess kumpannija" hija definita bħala persuna naturali li taħdem fi ħdan organizzazzjoni fit-territorju ta' Parti minnhom, u li tkun temporanjament trasferita fil-kuntest tat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi fit-territorju tal-Parti l-oħra; Il-lokazzjoni ewlenija ta' l-organizzazzjoni kkonċernata għanda tinstab fit-territorju ta' Parti minnhom u t-trasferiment għandu jsir lejn stabbiliment (fergħa, sussidjarja) ta' dik l-organizzazzjoni li effettivament twettaq attivitajiet ekonomiċi simili fit-territorju tal-Parti l-oħra.

3. Id-dħul u l-preżenza temporanja fit-territorju Komunitarju jew fil-Montenegro ta' ċittadini Montengrini u ċittadini Komunitarji rispettivament għandhom jiġu approvati, meta dawn ir-rappreżentanti tal-kumpanniji huma persuni li jokkupaw kariga għolja, kif imfisser fil-paragrafu 2(a) iktar 'il fuq, fi ħdan kumpannija, u huma responsabbli mill-istabbiliment ta' sussidjarja Komunitarja jew fergħa ta' kumpannija Montenegrina jew ta' sussidjarja jew fergħa Montenegrina ta' kumpannija Komunitarja fi Stat Membru jew fir-Repubblika tal-Montenegro rispettivament, meta:

(a) dawk ir-rappreżentanti m'humiex involuti f'bejgħ dirett jew fl-għoti ta' servizzi, u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jinsab fit-territorju li jospita l-istabbiliment, u;

(b) il-kumpannija għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha barra mill-Komunità jew mill-Montenegro, rispettivament, u m'għandha l-ebda rappreżentant, uffiċċju, fergħa jew sussidjarja f'dak l-Istat Membru jew fil-Montenegro rispettivament.

KAPITOLU III

PROVVISTA TA' SERVIZZI

ARTIKOLU 59

1. Il-Komunità u l-Montenegro jimpenjaw ruħhom, konformement mad-dispożizzjonijiet li ġejjin, sabiex tieħu l-passi neċessarji sabiex progressivament tippermetti l-għoti ta' servizzi minn kumpanniji Komuntarji, kumpanniji Montenegrini jew minn ċittadini Komunitarji jew minn ċittadini Montenegrini li huma stabbiliti fit-territorju ta' Parti li mhix l-istess waħda tal-persuna li għaliha huma intiżi s-servizzi.

2. Konformement mal-proċess ta' liberalizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom jippermettu l-moviment temporanju ta' persuni naturali li jagħtu s-servizz jew li huma impjegati bħala persunal ewlieni mal-fornitur ta' servizz kif imfisser fl-Artikolu 58, inklużi persuni naturali li huma rappreżentanti ta' kumpannija Komunitarja jew Montenegrina jew nazzjonali u li jixtiequ dħul temporanju għall-finijiet tan-negozjar għall-bejgħ ta' servizzi jew li jidħlu fi ftehim sabiex ibiegħu servizzi f'isem dak il-fornitur ta' servizzi, fejn dawk ir-rappreżentanti ma jkunux involuti fil-bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali jew fl-għoti tas-servizzi nfushom.

3. Wara erba' snin, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex progressivament jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1. Għandu jiġi kkunsidrat il-progress miksub mill-Partijiet fl-approssimazzjoni tal-liġijiet tagħhom.

ARTIKOLU 60

1. Il-Partijiet m'għandhom jieħdu l-ebda miżura jew azzjoni li twassal sabiex il-kundizzjonijiet ta' l-għoti ta' servizzi minn ċittadini jew kumpanniji Komunitarji jew Montenegrini li huma stabbiliti f'parti li mhix dik tal-persuna destinatarja tas-servizzi jkunu aktar ristrettivi b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni eżistenti fil-jum qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Jekk Parti minnhom hi tal-fehma li l-miżuri introdotti mill-Parti l-oħra minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim iwasslu għal sitwazzjoni aktar restrittiva b'mod sinifikanti fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi meta mqabbel mas-sitwazzjoni eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ dan il-Ftehim, din l-ewwel Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra sabiex tibda konsultazzjonijiet.

ARTIKOLU 61

Fir-rigward ta' l-għoti ta' sevizzi tat-trasport bejn il-Komunità u l-Montenegro, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

1) Fir-rigward ta' trasport fuq l-art, il-Protokoll 4 jistabbilixxi r-regoli applikabbli għar-relazzjoni bejn il-Partijiet għall-iżgurar, partikolarment, ta' traffiku liberu ta' tranżitu fuq it-toroq madwar il-Montenegro u l-Komunità kollha, l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-armonizzazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport tal-Montenegro ma' dik tal-Komunità.

2) Fir-rigward tat-trasport marittimu internazzjonali, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju ta' aċċess liberu għas-swieq marittimi internazzjonali fuq bażi kummerċjali, u li jirrispettaw l-obbligi internazzjonali u Ewropej fil-qasam ta' l-istandards tas-sikurezza, tas-sigurtà u dawk ambjentali.

Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom għal ambjent kompetittiv liberu bħala fattur essenzjali tat-trasport marittimu internazzjonali.

3) Fl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-paragrafu 2, il-Partijiet għandhom:

(a) ma jinkludux klawżoli dwar qsim ta' merkazija (*cargo-sharing clauses)* fi Ftehim bilaterali ġejjiena ma' pajjiżi terzi;

(b) minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ineħħu kwalunkwe miżura unilaterali u ostakli amministrattivi, teknikċi u oħrajn b'effetti restrittivi jew diskriminatorji fuq l-għoti liberu ta' servizzi fit-trasport marittimu interazzjonali.

(ċ) Kull Parti għandha tagħti, *inter alia*, trattament mhux inqas favorevoli għall-bastimenti operati minn ċittadini jew kumpanniji tal-Parti l-oħra minn dak mogħti lill-bastimenti tal-Parti nnifisha fir-rigward ta' l-aċċess għall-portijiet miftuħa għall-kummerċ internazzjonali, l-użu ta' l-infrastruttura u ta' servizzi awżiljarji marittimi tal-portijiet, kif ukoll fir-rigward ta' tariffi u ħlasijiet, faċilitajiet tad-dwana u l-assenjazzjoni ta' rmiġġ u ta' faċilitajiet ta' tagħbija u ħatt.

4) Bil-għan ta' l-iżgurar ta' żvilupp ikkoordinat u liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport bejn il-Partijiet adatti għall-ħtiġijiet kummerċjali reċiproċi tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' l-aċċess tas-suq reċiproku fit-trasport bl-ajru għandu jiġi indirizzat permezz ta' l-ECAA.

5) Qabel il-konklużjoni ta' l-ECAA, il-Partijiet m'għandhom jieħdu l-ebda miżura jew azzjoni li huma iktar restrittivi jew diskriminatorji meta mqabbla mas-sitwazzjoni eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

6) Il-Montenegro għandu jadatta l-leġiżlazzjoni tiegħu, inklużi r-regoli amministrattivi, tekniċi u oħrajn, għal dawk Komunitarji eżistenti fi kwalunkwe żmien fil-qasam tat-trasport ta' l-ajru, marittimu, passaġġi interni ta' l-ilma u fuq l-art kemm-il darba jservu għal għanijiet ta' liberalizzazzjoni u aċċess reċiproku għas-swieq tal-Partijiet u għall-faċilitazzjoni tal-moviment ta' passiġġieri u ta' prodotti.

7) Konformement mal-progress komuni fil-kisba ta' l-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jeżamina l-kundizzjonijiet neċessarji għal titjib fil-libertà għall-għoti ta' servizzi ta' trasport bl-ajru, fuq l-art u b'passaġġi interni ta' l-ilma.

## KAPITOLU IV

## PAGAMENTI KURRENTI U MOVIMENT TAL-KAPITAL

### ARTIKOLU 62

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jawtorizzaw, f'munita liberament konvertibbli, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu VIII ta' l-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kwalunkwe pagament u trasferimenti fil-kont kurrenti ta' bilanċ ta' pagamenti bejn il-Komunità u l-Montenegro.

ARTIKOLU 63

1. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-moviment liberu ta' kapital relatat ma' investimenti diretti f'kumpanniji ffurmati skond il-liġijiet tal-pajjiż ospitanti u investimenti magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V, u l-likwidazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' dawn l-investimenti u kwalunkwe profitt li joħroġ minnhom.

2. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-moviment liberu ta' kapital b'rabta ma' krediti relatati ma' tranżazzjonijiet kummerċjali jew ma' l-għoti ta' servizzi li fihom jipparteċipa resident ta' waħda mill-Partijiet, u għal għoti b'self u krediti finanzjarji, b'maturità itwal minn sena.

3. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu jikkonċedi trattament nazzjonali liċ-ċittadini ta' l-UE li jakkwsitaw proprjetà fit-territorju tiegħu.

4. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Komunità u l-Montenegro għandhom jiżguraw ukoll il-moviment liberu ta' kapital relatat ma' investiment ta' portafoll u għoti b'self u krediti finanzajrju b'maturità iqsar minn sena.

5. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1, il-Partijiet m'għandhom jintroduċu l-ebda restrizzjoni ġdida dwar il-moviment ta' kapital u pagamenti kurrenti bejn residenti Komunitarji u Montenegrini u m'għandhomx jirrestrinġu l-arranġamenti eżistenti.

6. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 62 u ta' dan l-Artikolu, fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-movimenti ta' kapital bejn il-Komunità u l-Montenegro jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-ħidma tal-politika dwar ir-rata tal-kambju jew għall-politika monetarja fil-Komunità jew fil-Montenegro, il-Komunità u l-Montenegro, rispettivament, jistgħu jieħdu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-movimenti tal-kapital bejn il-Komunità u l-Montenegro għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur jekk dawn il-miżuri jkunu strettament neċessarji.

7. L-ebda parti tal-Ftehim m'għandha tinfitiehem li tillimita d-drittijiet ta' l-operaturi ekonomiċi tal-Partijiet milli jgwadu minn trattament aktar favorevoli li jista' jkun previst fi kwalunkwe Ftehim bilaterali jew multilaterali li jinvolvi l-Partijiet ta' dan il-Ftehim.

8. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jiffaċilitaw il-moviment ta' kapital bejn il-Komunità u l-Montenegro sabiex jippromwovu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 64

1. Matul l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Komunità u l-Montenegro għandhom jieħdu miżuri li jippermettu l-ħolqien tal-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni gradwali ulterjuri tar-regoli Komunitarji dwar il-moviment liberu tal-kapital.

2. Sa tmiem it-tieni sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiddettermina l-modalitajiet għall-applikazzjoni sħiħa tar-regoli Komunitarji dwar il-moviment ta' kapital fil-Montenegro.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 65

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom jiġu applikati skond limitazzjonijiet ġustifikati fuq il-bażi ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

2. M'għandhomx japplikaw għal attivitajiet li fit-territorju ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet huma marbuta, anke okkażjonalment, ma' l-eżerċizzju ta' l-awtorità uffiċjali.

ARTIKOLU 66

Għall-finijiet ta' dan it-Titlolu, l-ebda parti minn dan il-Ftehim m'għandha tostakola lill-Partijiet milli japplikaw il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn, l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-istabbiliment ta' persuna naturali u l-għoti ta' servizzi, notevolment fir-rigward ta' l-għoti, it-tiġdid jew ir-rifjut ta' permess ta' residenza, kemm-il darba meta jsir dan ma japplikawhomx b'tali manjiera li tħassar jew iddgħajjef il-benefiċċji li jakkumulaw għal kwalunkwe Parti taħt it-termini ta' dispożizzjoni speċifika ta' dan il-Ftehim. Din id-dispożizzjoni m'għandha tkun ta' l-ebda ħsara għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 65.

ARTIKOLU 67

Il-kumpanniji li huma kkontrollati minn kumpanniji Montenegrini jew minn ċittadini Montenegrini jew Komunitarji, jew li huma esklussivament propjetà konġunta tagħhom, għandhom ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu wkoll.

ARTIKOLU 68

1. It-trattament ta' Nazzjon Privileġġat mogħti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu m'għandux japplika għall-vantaġġi fiskali li l-Partijiet jipprovdu jew ser jipprovdu fil-ġejjieni fuq il-bażi tal-Ftehim imfassla sabiex jiġu evitati t-taxxa doppja jew arranġamenti fiskali oħra.

2. L-ebda dispożizzjoni minn dan it-Titolu m'għandha tiġi interpretata sabiex tiġi ostakolata l-adozzjoni jew it-tisħiħ, min-naħa tal-Partijiet, ta' kwalunkwe miżura bil-għan li ma jitħallsux jew jiġu evitati t-taxxi skond id-dispożizzjonijiet fiskali tal-Ftehim sabiex jiġu evitati t-taxxa doppja u arranġamenti fiskali oħra jew il-leġiżlazzjoni fiskali domestika.

3. L-ebda dispożizzjoni minn dan it-Titolu m'għandha tiġi interpretata sabiex tostakola lill-Istati Membri u lill-Montenegro milli japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagġhom, milli ssir distinzjoni bejn min iħallas it-taxxa abbażi tas-sitwazzjoni differenti tagħhom, partikolarment fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom.

ARTIKOLU 69

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jevitaw l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi, inklużi miżuri relatati ma' l-importi, għal skopijiet ta' bilanċ ta' pagamenti. Il-Parti li tadotta dawn il-miżuri għandha mill-aktar fis tibgħat skeda għat-tneħħija tagħhom lill-Parti l-oħra.

2. Meta Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jew aktar jew il-Montenegro jsibu ruħhom f'diffikultajiet serji dwar bilanċ ta' ħlasijiet, jew ikun hemm theddida imminenti ta' dan, il-Komunità jew il-Montenegro jistgħu, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim tal-WTO, jadottaw miżuri restrittivi, inklużi miżuri dwar l-importazzjoni, li jkunu għal żmien limitat u li ma jmorrux 'il hinn minn dak strettament meħtieġ sabiex jinstab rimedju għall-qagħda tal-bilanċ tal-ħlasijiet. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jgħarrfu lill-Parti l-oħra minnufih.

3. Kwalunkwe miżura restrittiva m'għandhiex tapplika għal trasferimenti relatati ma' investiment u partikolarment għal ripatrijazzjoni ta' ammonti investiti jew investiti mill-ġdid jew għal kull xorta ta' dħul li ġej minnhom.

ARTIKOLU 70

Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom jiġu aġġustati progressivament, speċjalment fid-dawl tar-rekwiżiti li joħorġu mill-Artikolu V tal-GATS.

ARTIKOLU 71

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx ikunu ta' ħsara għall-applikazzjoni, min-naħa ta' kwalunkwe Parti, tal-miżuri neċessarji għall-prevenzjoni ta' l-evazjoni tal-miżuri tagħha fir-rigward ta' l-aċċess għas-swieq tagħha minn pajjiżi terzi permezz tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

# TITOLU VI

# APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJIET, INFURZAR TAL-LIĠI U REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI

## ARTIKOLU 72

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-Montenegro lejn dik tal-Komunità u ta' l-implimentazzjoni effettiva tagħha. Il-Montenegro għandu jagħmel kull sforz sabiex jiżgura li l-liġijiet eżistenti u l-leġiżlazzjoni ġejjiena tiegħu gradwalment isiru kompatibbli ma' l-*acquis* tal-Komunità. Il-Montenegro għandu jiżgura li l-leġiżlazzjoni eżistenti u ġejjiena tiġi implimentata u infurzata b'mod adegwat.

2. L-approssimazzjoni għandha tibda mid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, u għandha gradwalment testendi għall-elementi kollha ta' l-*acquis* Komunitarju *msemmija* f'dan il-Ftehim sa tmiem il-perjodu tranżitorju definit fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim.

3. Fi stadju bikri l-approssimazzjoni se tiffoka fuq l-elementi fundamentali ta' l-*acquis* tas-Suq Intern, inklużа l-leġiżlazzjoni tas-settur finanzjarju, il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà kif ukoll l-oqsma relatati mal-kummerċ. Fi stadju sussegwenti, il-Montenegro għandha jiffoka fuq il-bqija tal-partijiet ta' l-*acquis*.

L-approssimazzjoni għandha titwettaq fuq il-bażi ta' programm li għandu jinftiehem bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Montenegro.

4. Il-Montenegro għandu wkoll jiddefinixxi, bi ftehim mal-Kummissjoni Ewropea, il-modalitajiet għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni u ta' azzjonijiet ta' infurzar tal-liġi li għandhom jittieħdu.

ARTIKOLU 73

Dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni u dispożizzjonijiet ekonomiċi oħra

1. Dawn li ġejjin m'humiex kompatibbli mal-funzjonament korrett ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba jolqtu l-kummerċ bejn il-Komunità u l-Montenegro:

(i) kull ftehim bejn impriżi, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattika konġunta bejn impriżi li l-għan jew l-effett tagħhom huwa li jostakolaw, jirrestrinġu jew jiddeformaw il-kompetizzjoni;

(ii) abbuż minn impriża waħda jew iktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorji tal-Komunità jew tal-Montenegro kollha kemm huma jew f'parti sostanzjali minnhom;

(iii) kull għajnuna Statali li tiddeforma l-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew ċerti prodotti.

2. Kull prattika kuntrarja għal dan l-Artikolu għandha tkun ivvalutata skond kriterji li joħorġu mill-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli fil-Komunità, partikolarment ta' l-Artikoli 81, 82, 86 u 87 tat-Trattat KE u strumenti ta' interpretazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet Komunitarji.

3. Il-Partijiet għandhom jassiguraw li jkun hemm awtorità indipendenti li jkollha s-setgħat meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-paragrafu 1(i) u (ii) ta' dan l-Artikolu, dwar impriżi privati u pubbliċi u impriżi li jkunu ngħatawlhom drittijiet speċjali.

4. Il-Montenegro għandu jistabbilixxi awtorità operattiva indipendenti li jkollha s-setgħat meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-paragrafu 1(iii) ta' dan l-Artikolu fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Din l-awtorità għandha jkollha , *inter alia*, is-setgħat li tawtorizza skemi ta' għajnuna Statali u għoti ta' għajnuna individwali skond il-paragrafu 2, kif ukoll is-setgħat sabiex tordna l-irkupru ta' għajnuna Statali mogħtija bi ksur tal-liġi.

5. Il-Komunità minn naħa waħda u l-Montenegro min-naħa l-oħra għandhom jiżguraw trasparenza fil-qasam ta' l-għajnuna Statali, i*nter alia* billi jipprovdu rapport annwali regolari lill-Partijiet l-oħra, li jsegwi l-metodoloġija u l-preżentazzjoni ta' l-istħarriġ Komunitarju dwar l-għajnuna Statali. Fuq talba ta' Parti minnhom, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi tagħrif dwar każi individwali partikolari ta' għajnuna statali.

6. Il-Montenegro għandu jistabbilixxi inventarju komprensiv ta' skemi ta' għajnuna qabel l-istabbiliment ta' l-awtorità msemmija fil-paragrafu 4 u għandu jikkonverġi dawn l-iskemi ta' għajnuna mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien perjodu ta' mhux iktar minn 4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

7. (a) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 1(iii), il-Partijiet jirrikonoxxu li matul l-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna pubblika mogħtija mill-Montenegro għandha tiġi vvalutata b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-Montenegro ser jitqies bħala żona identika għal dawk iż-żoni Komunitarji mfissra fl-Artikolu 87(3) tat-Trattat KE.

(b) Fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu jressaq quddiem il-Kumissjoni Ewropea iċ-ċifri tal-PGD għal kull ras armonizzati fuq il-livell ta' NUTS II. L-awtorità msemmija fil-paragrafu 4 u l-Kumissjoni Ewropea imbagħad għandhom jevalwaw flimkien l-eliġibbiltà tar-reġjuni tal-Montenegro kif ukoll l-intensitajiet massimi ta' għajnuna fir-rigward tagħhom sabiex ifasslu pjan għall-għajnuna reġjonali msejjes fuq il-linji gwida Komunitarji rilevanti.

8. Skond kif meħtieġ, il-Protokoll 5 jistabbilixxi r-regoli dwar l-għajnuna statali għall-industrija ta' l-azzar. Il-protokoll jistabbilixxi r-regoli applikabbli fil-każ li tingħata għajnuna ta' ristrutturazzjoni lill-industrija ta' l-azzar. Huwa jenfasizza x-xejra eċċezzjonali ta' din l-għajnuna u l-fatt li l-għajnuna tkun għal żmien limitat u tkun marbuta mal-kapċità ta' tnaqqis fi ħdan il-qafas tal-programmi ta' vijabbiltà.

9. Fir-rigward tal-prodotti msemmija fil-Kapitolu II tat-Titolu IV;

(a) il-paragrafu 1 (iii) m'għandux japplika;

(b) kwalunkwe prattika kuntrarja għall-paragrafu 1(i) għandha tiġi vvalutata skond il-kriterji stabbiliti mill-Komunità skond l-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat KE u strumenti Komunitarji speċifiċi adottati fuq din il-bażi.

10. Jekk waħda mill-Partijiet jidhrilha li prattika partikolari hija inkompatibbli ma' dak imsemmi fil-paragrafu 1, hija tista' tieħu miżuri xierqa wara konsultazzjonijiet mal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew wara tletin jum tax-xogħol wara li r-riferiment għall-konsultazzjoni. L-ebda parti f'dan l-Artikolu m'għandha tkun ta' ħsara jew tolqot bi kwalunkwe mod it-teħid, mill-Komunità jew mill-Montenegro, ta' miżuri kompensatorji konformi mal-GATT 1994 u l-Ftehim tal-WTO dwar Sussidji u Miżuri Kompensatorji u l-leġiżlazzjoni interna rilevanti rispettiva.

## ARTIKOLU 74

### Impriżi pubbliċi

Sa tmiem it-tielet sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim il-Montenegro għandu japplika l-prinċipji stabbiliti fit-Trattat KE, b'referenza partikolari għall-Artikolu 86, għall-impriżi pubbliċi u l-impriżi li jkunu ngħataw drittijiet speċjali u esklużivi.

Id-drittijiet speċjali ta' l-impriżi pubbliċi matul il-perjodu tranżitorju m'għandhomx jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri b'effett ekwivalenti għall-importazzjonijiet Komunitarji fil-Montenegro.

ARTIKOLU 75

Proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali

1. Skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Anness VII, il-Partijiet jikkonfermaw kemm huwa importanti li jkunu assigurati l-protezzjoni adegwata u effettiva u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali.

2. Mid-dħul fis-seħħ dan il-Ftehim il-Partijiet għandhom jagħtu lill-kumpanniji u liċ-ċittadini ta' xulxin, fir-rigward tar-rikonoxximent u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jagħtu lil kwalunkwe pajjiż terz taħt ftehim bilaterali.

3. Il-Montenegro għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxi, mhux iktar tard minn tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali simili għal dik eżistenti fil-Komunità, inklużi mezzi effettivi għall-infurzar ta' dawn id-drittijiet.

4. Il-Montenegro għandu jaċċetta, fi żmien il-perjodu msemmi fil-paragrafu 3, il-konvenzjonijiet multilaterali dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali msemmija fl-Anness VII. Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jobbliga lill-Montenegro jaċċetta l-Konvenzjonijiet multilaterali speċifiċi f'dan il-qasam.

5. Jekk ikun hemm problemi fil-qasam tal-proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali li jolqtu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ, dawn għandhom jitressqu b'urġenza quddiem il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fuq talba ta' kwalunkwe Parti, bl-għan li tintlaħaq soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewg naħat.

ARTIKOLU 76

L-akkwist pubbliku

1. Il-Komunità u l-Montenegro jikkunsidraw li l-liberalizzazzjoni ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuq il-bażi tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u r-reċiproċità, partikolarment skond ir-regoli tal-WTO, bħala għan mixtieq.

2. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-kumpanniji Montenegrini, irrelvanti mill-fatt jekk humiex stabbiliti fil-Komunità jew le, għandhom jingħataw aċċess għal proċeduri ta' għotja ta' kuntratti fil-Komunità skond ir-regoli Komunitarji ta' akkwist taħt trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kumpanniji Komunitarji.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw ukoll għal kuntratti fis-settur tas-servizzi ladarba l-gvern tal-Montenegro jadotta l-leġiżlazzjoni li tintroduċi r-regoli Komunitarji f'dan il-qasam. Minn żmien għal żmien il-Komunità għandha teżamina jekk il-Montenegro jkunx fil-fatt introduċa din il-leġiżlazzjoni.

3. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-kumpanniji Komunitarji stabbiliti fil-Montenegro taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V għandhom jingħataw aċċess għal proċeduri ta' għoti ta' kuntratti fil-Montenegro taħt trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kumpanniji Montenegrini.

4. Minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-kumpanniji Komunitarji li m'humiex stabbiliti fil-Montenegro għandhom jingħataw aċċess għal proċeduri ta' għotja ta' kuntratti fil-Montenegro taħt trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kumpanniji Montenegrini.

5. Minn żmien għal żmien il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jeżamina l-possibbiltà li l-Montenegro jintroduċi aċċess għal proċeduri ta' għoti ta' kuntratti fil-Montenegro għall-kumpanniji Komunitarji kollha. Kull sena l-Montenegro għandu jirrapporta lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni dwar il-miżuri li jkun ħa sabiex isaħħaħ it-trasparenza u jipprovdi analiżi ġudizzjarja effettiva tad-deċiżjonijiet fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku.

6. Fir-rigward ta' l-istabbiliment, l-operazzjonijiet, u l-għoti ta' servizzi bejn il-Komunità u l-Montenegro, kif ukoll dwar l-impjiegi u l-moviment tal-ħaddiema marbuta mat-twettiq tal-kuntratti pubbliċi, huma applikabbli d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 49 sa 64.

## ARTIKOLU 77

### Standardizzazzjoni, metroloġija, akkreditazzjoni u valutazzjoni ta' konformità

1. Il-Montenegro għandu jieħu kull miżura neċessarja sabiex gradwalment jikseb il-konformità mar-regolamenti tekniċi Komunitarji u mal-proċeduri Ewropej tal-valutazzjoni ta' l-istandardizzazzjoni, il-metroloġija, l-akkreditazzjoni u l-konformità.

2. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jagħmlu li jistgħu sabiex:

(a) jippromwovu l-użu tar-regolamenti tekniċi Komunitarji, standards Ewropej u proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità;

(b) jipprovdu għajnuna għat-trawwim ta' l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' kwalità: valutazzjoni ta' l-istandardizzazzjoni, tal-metroloġija, ta' l-akkreditazzjoni u tal-konformità;

(ċ) jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-ħidma ta' organizzazzjonijiet relatati ma' l-istandards, il-valutazzjoni tal-konformità, il-metroloġija u funzjonijiet simili (eż. CEN, CENELEC, ETSI, EA, WELMEC, EUROMET)[6];

(d) fejn ikun kunsiljabbli, jikkonkludu Ftehim dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' Prodotti Industrijali ladarba l-qafas u l-proċeduri leġiżlattivi tal-Montenegro jkunu suffiċjentement allinjati ma' dawk Komunitarji u tkun disponibbli l-konoxxenza adegwata.

ARTIKOLU 78

Il-protezzjoni tal-konsumatur

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw sabiex jikkonverġu l-istandards tal-protezzjoni tal-konsumatur tal-Montenegro ma' dawk Komunitarji. Il-Protezzjoni effettiva tal-konsumatur hija neċessarja sabiex ikun żgurat li l-ekonomija tas-suq tiffunzjona sew, u din il-protezzjoni ser tiddpenedi fuq l-iżvilupp ta' infrastruttura amministrattiva li tiżgura s-sorveljanza tas-suq u l-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam.

[6] Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika, Istitut Ewropew ta' Standards tat-Telekomunikazzjoni, Koperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni, Koperazzjoni Ewropea fil-Metroloġija Legali, Organizzazzjoni Ewropea tal-Metroloġija.

Għal dan il-għan, u għall-finijiet ta' l-interessi komuni tagħhom, il-Partijiet għandhom jiżguraw:

(a) politika ta' protezzjoni attiva tal-konsumatur, skond il-liġi tal-Komunità, inklużi ż-żieda ta' l-informazzjoni u l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet indipendenti;

(b) l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur tal-Montenegro ma' dik fis-seħħ fil-komunità.

(ċ) il-protezzjoni effettiva u legali tal-konsumatur sabiex tittejjeb il-kwalità tal-prodotti tal-komsumatur u jinżammu standards xierqa ta' sikurezza.

(d) il-monitoraġġ tar-regoli mill-awtoritajiet kompetenti u l-għoti ta' aċċess għall-ġustizzja meta jinqalgħu il-kwistjonijiet;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni dwar prodotti perikolużi.

ARTIKOLU 79

Kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet indaqs

Il-Montenegro għandu progressivament jarmonizza l-leġiżlazzjoni tiegħu ma' dik tal-Komunità fl-oqsma tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, notevolment dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u l-opportunitajiet indaqs.

# TITOLU VII

# ĠUSTIZZJA, LIBERTÀ U SIGURTÀ

## ARTIKOLU 80

### It-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt

Fil-koperazzjoni tagħhom dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, il-Partijiet għandhom jagħtu importanza partikolari għall-konsolidazzjoni ta' l-istat tad-dritt, it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet fil-livelli kollha fl-oqsma ta' l-amministrazzjoni b'mod ġenerali u l-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod partikolari. Notevolment, il-koperazzjoni għandha jkollha l-għan li ssaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura u t-titjib ta' l-effiċjenza tagħha, it-titjib tal-funzjonament tal-pulizija u ta' entitajiet oħra ta' l-infurzar tal-liġi, fl-għoti ta' taħriġ adegwat u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

## ARTIKOLU 81

### Protezzjoni tad-data personali

Malli jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Montenegro għandu jarmonizza l-leġiżlazzjoni tiegħu fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali mal-liġi tal-Komunità u ma' leġiżlazzjoni oħra Ewropea u internazzjonali dwar il-privatezza. Il-Montenegro għandu jistabbilixxi entità ta' sorveljanza waħda, jew iżjed, b'riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti sabiex jissorvelja u jiggarantixxi t-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali b'mod effiċjenti. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw sabiex jinkiseb dan il-għan.

ARTIKOLU 82

Viżi, il-kontroll tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw fl-oqsma tal-viża, tal-kontroll tal-fruntieri, ta' l-ażil u ta' l-emigrazzjoni u għandhom jistabbilixxu qafas għall-koperazzjoni, inkluża dik fuq livell reġjonali, f'dawn l-oqsma, b'kunsiderazzjoni u permezz ta' użu sħiħ ta' inizjattivi eżistenti oħra f'dan il-qasam kif meħtieġ.

Il-koperazzjoni fil-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun imsejsa fuq konsultazzjonijiet reċiproċi u koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Partijiet u għandha tinkludi għajnuna teknika u amministrattiva għal:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar leġiżlazzjoni u prattiċi;

(b) l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni;

(ċ) it-tisħiħ ta' l-effiċjenza ta' l-istituzzjonijiet;

(d) it-taħriġ tal-persunal;

(e) is-sigurtà tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u l-iskoperta ta' dokumenti foloz;

(f) il-ġestjoni tal-fruntieri;

Il-koperazzjoni għandha tiffoka partikolarment fuq:

(a) il-qasam ta' l-ażil dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tkun konformi ma' l-istandards tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 u mal-Protokoll dwar l-Istatus tar-Rifuġjati magħmul fi New York fil-31 ta' Jannar 1967 sabiex b'hekk ikun żgurat li l-prinċipju ta' *"non-refoulment"*, kif ukoll drittijiet oħra ta' min ifittex ażil u għar-refuġjati jiġu rrispettati.

(b) il-qasam ta' l-emigrazzjoni legali, dwar regoli u drittijiet tad-dħul u l-istatus tal-persuna li tiddaħħal. Fir-rigward ta' l-emigrazzjoni, il-Partijiet jaqblu dwar it-trattament ġust taċ-ċittadini ta' pajjżi oħra li jirrisjedu legalment fit-territorji tagħhom u dwar il-promozzjoni ta' politika ta' integrazzjoni sabiex id-drittijiet u l-obbligi tagħhom ikunu komparabbli ma' dawk taċ-ċittadini tagħhom.

ARTIKOLU 83

Il-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-immigrazzjoni illegali; ir-riammissjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-immigrazzjoni illegali. Għalhekk, il-Montenegro u l-Istati Membri għandhom jammettu mill-ġdid kwalunkwe ċittadini illegali fit-territorju tagħhom u l-Partijiet jaqblu wkoll sabiex jikkonkludu u jimplimentaw bis-sħiħ Ftehim ta' riammissjoni, inkluż l-obbligu għar-riammissjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra u ta' ċittadini mingħajr stat.

L-Istati Membri u l-Montenegro għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti xierqa ta' identità u għandhom jestendulhom il-faċilitajiet amministrattivi neċessarji għal dawn il-finijiet.

Il-proċeduri speċifiċi għall-għan tar-riammissjoni taċ-ċittadini, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-persuni mingħajr stat għandhom jiġu stipulati fil-Ftehim bejn il-Komunità u l-Montenegro dwar ir-riammissjoni ta' persuni mingħajr awtorizzazzjoni ta' residenza.

2. Il-Montenegro jaqbel li jikkonkludi Ftehim ta' riammissjoni mal-pajjiżi fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

3. Il-Montenegro jimpenja ruħu li jieħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex jiżgura l-implimentazzjoni flessibbli u rapida tal-Ftehim kollha dwar ir-riammissjoni imsemmija f'dan l-Artikolu.

4. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi sforzi konġunti oħra li jistgħu jsiru għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-immigrazzjoni illegali, inklużi n-*networks* tat-traffikar u ta' l-immigrazzjoni illegali.

## ARTIKOLU 84

### Il-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu

1. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw sabiex jostakolaw l-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom għall-*money laundering* minn attivitajiet kriminali in ġenerali u partikolarment offiżi dwar drogi, kif ukoll għall-għan tal-finanzjament tat-terroriżmu.

2. Il-koperazzjoni f'dan il-qasam tista' tinkludi l-għajnuna amministrattiva u teknika bil-għan ta' l-iżvilupp ta' l-implimentazzjoni tar-regolamenti u tal-funzjonament effiċjenti ta' l-istandards u l-mekkaniżmi xierqa għall-ġlieda kontra l-*money laundering* u tal-finanzjament tat-terroriżmu ekwivalenti għal dawk adottati mill-Komunità u mill-fora internazzjonali f'dan il-qasam, partikolarment it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF).

ARTIKOLU 85

Koperazzjoni kontra drogi illegali

1. Fi ħdan is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet għandhom jikkoperaw għall-iżgurar ta' strateġija bbilanċjata u integrata fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar drogi. Il-politika u l-azzjonijiet dwar id-drogi għandhom ikollhom l-għan li jsaħħu l-istrutturi għall-ġlieda kontra d-drogi, it-tnaqqis tal-forniment, it-traffikar ta' u d-domanda għal drogi illegali, it-trattament tal-konsegwenzi soċjali u fuq is-saħħa u kif ukoll li jkun hemm kontroll iktar effettiv tal-prekursuri.

2. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar il-metodi neċessarji ta' koperazzjoni għall-ksib ta' dawn l-għanijiet. L-azzjonijiet għandhom ikunu msejsa fuq prinċipji miftiehma skond l-Istrateġija Ewropea dwar il-Kontroll tad-Drogi.

ARTIKOLU 86

Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzati u kontra attivitajiet illegali oħra

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw fil-ġlieda kontra, u dwar il-prevenzjoni ta', attivitajiet kriminali u illegali, organizzati jew m'humiex, bħal:

(a) il-kuntrabandu u t-traffikar ta' bnedmin;

(b) attivitajiet ekonomiċi illegali, partikolarment il-falsifikazzjoni ta' mezzi tal-ħlas kemm fi flus u oħrajn li m'humiex, tranżazzjonijiet illegali fuq prodotti bħall-iskart industrijali, materjal radjoattiv u tranżazzjonijiet li jinvolvu prodotti illegali, iffalsifikati jew ta' piraterija;

(ċ) il-korruzzjoni, kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku, partikolarment b'rabta ma' prattiċi amministrattivi b'nuqqas ta' trasparenza;

(d) il-frodi fiskali

(e) is-serq ta' l-identità

(f) it-traffikar illegali ta' drogi u ta' sustanzi psikotropiċi;

(g) it-traffikar illegali ta' armi;

(h) il-falsifikazzjoni ta' dokumenti;

(i) il-kuntrabandu u t-traffiku illegali ta' prodotti inklużi l-karozzi;

(j) iċ-ċiberkriminalità

Fir-rigward tal-falsifikazzjoni tal-flus, il-Montenegro għandu jikkopera mill-qrib mal-Komunità fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-karti tal-flus Fuq il-livell tal-prevenzjoni, il-Montenegro għandu jkollu l-għan li jimplimenta miżuri li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità, u li jaderixxi ma' kwalunkwe konvenzjoni internazzjonali relata mal-qasam tal-liġi. Il-Montenegro għandu jgawdi mill-appoġġ Komunitarju għall-iskambju, l-għajnuna u t-taħriġ fil-protezzjoni kontra l-falsifikazzjoni tal-flus.

Għandha issir il-promozzjoni għall-koperazzjoni u l-konverġenza reġjonali ma' standards rikonoxxuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità

## ARTIKOLU 87

### Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

Konformement mal-konvenzjonijiet internazzjonali li magħhom jaderixxu, u l-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw sabiex jostakolaw u joħonqu atti ta' terroriżmu u l-finanzjament tagħhom:

(a) fil-qafas ta' l-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1373 (2001) u riżoluzzjonijiet, konvenzjonijiet internazzjonali u strumenti rilevanti oħra tan-NU;

(b) permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-*networks* li jappoġġawhom skond il-liġi internazzjonali u nazzjonali;

(ċ) permezz ta' l-iskambju ta' esperjenzji fir-rigward tal-mezzi u l-metodi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u f'oqsma tekniċi u t-taħriġ, u permezz ta' l-iskambju ta' esperjenza fir-rigward tal-prevenzjoni tat-terroriżmu.

TITOLU VIII

POLITIKA TA' KOPERAZZJONI

ARTIKOLU 88

1. Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jistabbilixxu koperazzjoni mill-qrib bil-għan li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u t-tkabbir potenzjali tal-Montenegro. Din il-koperazzjoni għandha ssaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi eżistenti fuq l-iktar bażi wiesgħa possibbli, għall-benefiċċju taż-żewġ Partijiet.

2. Għandhom jitfasslu politika u miżuri oħra b'mod li jwasslu għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u soċjali fil-Montenegro. Din il-politika għandha tiżgura li l-kunsiderazzjonijiet ambjentali jiġu inkorporati bis-sħiħ sa mill-bidunett u li jkunu marbuta mar-rekwiżiti ta' żvilupp soċjali armonjuż.

3. Il-politika ta' koperazzjoni għandha tiġi integrata f'qafas reġjonali ta' koperazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal miżuri li jistgħu jrawmu koperazzjoni bejn il-Montenegro u l-pajjiżi ġirien tiegħu inkluż l-Istati Membri, sabiex b'hekk jingħata kontribut għall-istabbiltà reġjonali. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-prijoritajiet bejn l-oqsma ta' politika ta' koperazzjoni, kif ukoll fihom, deskritti hawnhekk skond is-Sħubija Ewropea.

## ARTIKOLU 89

### Il-politika dwar l-ekonomija u l-kummerċ

Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jiffaċilitaw il-proċess tar-riformi ekonomiċi permezz tal-koperazzjoni għat-titjib ta' l-ispjegazzjoni ta' l-elementi fundamentali ta' l-ekonomiji rispettivi tagħhom u l-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ekonomika fl-ekonomiji tas-suq. Għalhekk, il-Komunità u l-Montenegro għandhom jikkoperaw sabiex:

(a) l-iskambu ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-prospetti makroekonomiċi u dwar l-istrateġiji ta' żvilupp;

(b) l-analiżi konġunta ta' kwistjonijiet ekonomiċi ta' interess reċiproku, inkluż l-inkwadrar tal-politika ekonomika u l-istrumenti għall-implimentazzjoni tagħha; u

(ċ) il-promozzjoni ta' koperazzjoni usa' bil-għan li jitħaffu l-influss tal-konoxxenza u l-aċċess għal teknoloġiji oħra.

Il-Montenegro għandu jagħmel ħiltu sabiex jistabbilixxi ekonomija tas-suq li tiffunzjona u sabiex gradwalment iqarreb il-politika tiegħu mal-politika orjentata lejn l-istabbiltà ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea. Fuq talba ta' l-awtoritajiet tal-Montenegro, il-Komunità għandha tipprovdi għajnuna mfassla għall-appoġġ ta' l-isforzi tal-Montenegro f'dan ir-rigward.

Il-koperazzjoni għandha wkoll ikollha l-għan tat-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt fil-qasam tan-negozju permezz ta' qafas legali stabbli u mhux diskriminatorju relatat man-negozju.

Il-koperazzjoni f'dan il-qasam għandha tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prinċipji u l-funzjonament ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea.

ARTICLE 90

Koperazzjoni statistika

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet għandha primarjament tiffoka fuq oqsma ta' prijorità relatati ma' l-*acquis* Komunitarju fil-qasam ta' l-istatistika, inklużi fl-oqsma ekonomiċi, kummerċjali, monetarji u finanzjarji. Notevolment għandha jkollha l-għan ta' l-iżvilupp ta' sistemi effiċjenti u sostenibbli ta' l-istatistika li tkun kapaċi tipprovdi *data* affidabbli, oġġettiva u preċiża neċessarja għall-ippjanar u l-monitoraġġ tal-proċess ta' tranżizzjoni u riforma fil-Montenegro. Għandha wkoll tippermetti sabiex l-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Montenegro jkun kapaċi jaqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-konsumaturi fil-pajjiz (kemm fis-settur ta' l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll f'dak privat). Is-sistema ta' l-istatistika għandha tirrispetta l-prinċipji fundamentali dwar l-istatistika maħruġa min-NU, il-Kodiċi ta' Prattika Ewropew dwar l-Istatistika u l-istipulazzjonijiet tal-liġi Ewropea dwar l-Istatistika u tersaq lejn l-*acquis* Komunitarju. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw b'mod partikolari sabiex jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-*data* individwali, sabiex progressivament iżidu l-ġbir tad-*data* u t-trażmissjoni tagħha lis-Sistema Ewropea dwar l-Istatistika u, sabiex isir skambju ta' informazzjoni dwar il-metodi, it-trasferiment tal-konoxxenza u t-taħriġ.

ARTIKOLU 91

Servizzi bankarji, ta' l-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra

Il-koperazzjoni bejn il-Montenegro u l-Komunità għandha tiffoka fuq oqsma prijoritajri b'rabta ma' l-*acquis* Komunitarju fil-oqsma tas-servizzi bankarji, ta' l-assigurazzjoni u dawk finanzjarji. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw bil-għan li jistabbilixxu u jiżviluppaw qafas adegwat għall-inkoraġġiment tas-setturi tas-servizzi bankarji, ta' l-assigurazzjoni u finanzjarji fil-Montenegro imsejjes fuq il-prattiċi ta' kompetizzjoni ġusta u li jiżgura l-ambjent ekwi meħtieġ.

ARTIKOLU 92

Koperazzjoni fil-kontroll intern u fil-verifika esterna

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tiffoka fuq oqsma prijoritarji li huma relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fl-oqsma tal-kontroll pubbliku intern tal-finanzi (PIFC) u tal-verifiki esterni. Il-Partijiet għandhom partikolarment jikkoperaw - permezz tat-tħejjija u l-adozzjoni tar-regolamentazzjoni rilevanti - bil-għan li jiġi żviluppat Kontroll Intern tal-Finanzi Pubbliċi (PIFC) trasparenti, effiċjenti u ekonomiku li jinkludi l-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarji u sistema ta' verifika interna li tuffunzjona b'manjiera indipendenti u ta' sistemi indipendenti ta' verifika esterna fil-Montenegro, konformement ma' standards u metodoloġija aċċettati internazzjonalment u l-aħjar prattiċi ta' l-UE. Il-koperazzjoni għandha tiffoka fuq il-bini ta' kapaċità ta' l-istituzzjoni Suprema tal-Verifika fil-Montenegro. Sabiex jitwettqu r-responsabbiltajiet ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni li joriġinaw mir-rekwżiti msemmija hawn fuq, il-koperazzjoni għandha tiffoka fuq il-ħolqien u t-tisħiħ ta' unitajiet ċentrali ta' l-armonizzazzjoni għall-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarji u għall-verifika interna.

ARTIKOLU 93

L-inkoraġġiment u l-protezzjoni ta' l-investiment

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, fil-qasam ta' l-inkoraġġiment u tal-protezzjoni ta' l-investiment għandha jkollha l-għan li tagħti lok għal klima favorevoli għall-investiment privat, kemm domestiku kif ukoll barrani, li huwa essenzjali sabiex l-ekonomija u l-industrija fil-Montenegro jingħataw ħajja mill-ġdid. L-għan partikolari tal-koperazzjoni għandu jkun li l-Montenegro jtejjeb il-qafas legali li jiffavorixxi u jipproteġi l-investiment.

ARTIKOLU 94

Koperazzjoni fl-industrija

Il-koperazzjoni għandha jkollha l-għan li tippromwovi l-modernizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni ta' l-industrija u ta' setturi individwali fil-Montenegro. Għandha wkoll tkopri l-koperazzjoni industrijali bejn l-operaturi ekonomiċi, bil-għan li s-settur privat jissaħħaħ taħt kundizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' l-ambjent.

L-inizjattivi tal-koperazzjoni industrijali għandhom jirriflettu l-prijoritajiet li ġew iddeterminati miż-żewġ Partijiet. Għandhom jikkunsidraw l-aspetti reġjonali ta' l-iżvilupp industrijali, fejn jippromwovu sħubiji tranżnazzjonali fejn ikun rilevanti. L-inizjattivi għandhom ifittxu b'mod partikolari li jistabbilixxu qafas adegwat għall-impriżi, itejbu l-amministrazzjoni, il-konoxxenza u jippromwovu s-swieq, it-trasparenza tas-swieq u l-ambjent kummerċjali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-ħolqien ta' attivitajiet ta' promozzjoni ta' l-esportazzjoni effiċjenti fil-Montenegro.

Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-*acquis* Komunitarju fil-qasam tal-politika industrijali.

ARTIKOLU 95

L-impriżi ta' daqs żgħir u medju

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet għandha jkollha l-għan li tiżviluppa u ssaħħaħ l-impriżi ta' daqs żgħir u medju tas-settur privat (SMEs), l-istabbiliment ta' impriżi ġodda f'oqsma ta' potenzjal għat-tkabbir u l-koperazzjoni bejn l-SMEs fil-Komunità u fil-Montenegro.
Il-koperazzjoni għandha tieħu kont ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* Komunitarji fil-qasam ta' l-SMEs, kif ukoll ta' l-għaxar linji gwida stabbiliti fil-Karta Ewropea dwar l-Intrapriżi Żgħar.

ARTIKOLU 96

It-turiżmu

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tat-turiżmu għandha jkollha l-għan li ssaħħaħ il-fluss ta' informazzjoni dwar it-turiżmu (permezz ta' *networks* internazzjonali, *databanks*, eċċ.); li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' infrastruttura li twassal għal investiment fis-settur tat-turiżmu, il-parteċipazzjoni tal-Montenegro f'organizzazzjonijiet importanti Ewropej tat-turiżmu. Għandha wkoll ikollha l-għan li tanalizza l-opportunitajiet għal operazzjonijiet konġunti u t-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn impriżi u esperti fit-turiżmu u gvernijiet u l-aġenziji kompetenti tagħhom fil-qasam tat-turiżmu, kif ukoll it-trasferiment tal-konoxxenza (permezz ta' taħriġ, skambji u seminars).
Il-koperazzjoni għandha tieħu kont ta' l-*acquis* Komunitarju relatat ma' dan is-settur.

Il-koperazzjoni tista' tiġi integrata f'qafas reġjonali ta' koperazzjoni.

ARTIKOLU 97

Il-qasam ta' l-agrikoltura u dak agroindustrijali

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet ser tiġi żviluppata fl-oqsma prijoritarji kollha relatati ma' l-*acquis* Komunitarju fil-qasam ta' l-agrikoltura, kif ukoll fis-settur veterinarju u dak fitosanitarju. Notevolment, il-koperazzjoni ser ikollha l-għan li timmodernizza u tirristruttura s-settur agrikolu u dak agroindustrijali, partikolarment sabiex jinkisbu r-rekwiżiti sanitarji tal-Komunità, għat-titjib tal-ġestjoni ta' l-ilma u ta' l-iżvilupp rurali kif ukoll l-iżvilupp tas-settur tal-forestrija fil-Montenegro u għall-appoġġ ta' l-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni u l-prattiċi Montenegrini mar-regoli u l-istandards tal-Komunità.

ARTIKOLU 98

Il-qasam tas-sajd

Il-Partijiet għandhom jesploraw il-possibbiltà li jidentifikaw oqsma ta' benefiċċju reċiproku ta' interess komun fis-settur tas-sajd. Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam tas-sajd, li jinkludu r-rispett ta' l-obbligi internazzjonali li jikkonċernaw ir-regoli ta' ġestjoni u ta' protezzjoni tar-riżorsi tas-sajd ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Industriji tas-Sajd Internazzjonali u Reġjonali.

ARTIKOLU 99

Dwana

Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu koperazzjoni f'dan il-qasam sabiex jiggarantixxu konformità mad-dispożizzjonijiet li għandhom ikunu adottati fil-qasam tan-negozju u sabiex tinkiseb l-approssimazzjoni tas-sistema doganali tal-Montenegro għal dik tal-Komunità, sabiex b'hekk jgħinu sabiex titħejja t-triq għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni li huma ppjanati taħt dan il-Ftehim u għall-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni doganali Montenegrina għall-*acquis*.

Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam tad-dwana.

Ir-regoli dwar assistenza amministrattiva reċiproka bejn il-Partijiet fil-qasam tad-dwana huma stabbiliti fl-Protokoll 6.

ARTIKOLU 100

Tassazzjoni

Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu koperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni li tinkludi miżuri li għandhom l-għan li jirriformaw ulterjorment is-sistema fiskali u li jirristrutturaw l-amministrazzjoni tat-taxxi, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-ġbir tat-taxxa u tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali.

Il-koperazzjoin għandha tikkunsidra bil-mod dovut l-oqsma prijoritarji li huma relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam tat-tassazzjoni u fil-ġlieda kontra kompetizzjoni dannuża fit-taxxi. It-tneħħija ta' kompetizzjoni dannuża fit-taxxi għandha titwettaq fuq il-bażi tal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta għat-tassazzjoni kumerċjali miftiehma mill-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 1997.

Il-koperazzjoni għandha titħejja wkoll għat-tisħiħ tat-trasparenza u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u sabiex tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni ma' l-Istati Membri fi sforz sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' miżuri li jostakolaw il-frodi, l-evażjoni u n-nuqqas ta' ħlas tat-taxxi. Il-Montenegro għandu wkoll jilħaq in-*network* ta' Ftehim bilaterali ma' l-Istati Membri skond l-aħħar aġġornament tal-Konvenzjoni-Mudell ta' l-OECD dwar it-Taxxa fuq id-Dħul u fuq il-Kapital kif ukoll fuq il-bażi tal-Konvenzjoni-Mudell ta' l-OECD dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni fi Kwistjonijiet Fiskali, kemm-il darba l-Istati Membri li jagħmlu t-talba jkunu japplikawhom.

## ARTIKOLU 101

### Koperazzjoni soċjali

Fir-rigward ta' l-impjiegi, il-koperazzjoni bejn il-Partijiet għandha tiffoka notevolment fuq titjib fis-servizzi tas-sejbien ta' l-impjiegi u ta' konsulenza għall-karriera, filwaqt li tipprovdi miżuri alternattivi u tippromwovi l-iżvilupp lokali sabiex tingħata għajnuna għar-ristrutturazzjoni tas-suq industrijali u dak tax-xogħol. Għandha tinkludi miżuri oħra bħall-studji, l-issekondar ta' esperti u ħidmiet ta' informazzjoni u ta' taħriġ.

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw sabiex jiffaċilitaw ir-riforma tal-politika tal-Montenegro dwar l-impjiegi, fil-kuntest ta' riforma u integrazzjoni ekonomika msaħħa. Il-koperazzjoni għandha tfittex ukoll li tappoġġa l-adattament tas-sistema tas-sigurtà soċjali Montenegrina għar-rekwiżiti ekonomiċi u soċjali l-ġodda, u għandha tinvolvi l-aġġustament tal-leġiżlazzjoni Montenegrina dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni li jagħmlu parti minn minoranzi kif ukoll it-titjib tal-livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, fejn il-livell ta' protezzjoni li hemm fil-Komunità jittieħed bħala referenza. Il-Montenegro għandu jiżgura l-aderenza u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet fundamentali ta' l-ILO.

Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità f'dan il-qasam.

ARTIKOLU 102

Edukazzjoni u taħriġ

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw bl-għan li jgħollu l-livell ta' l-edukazzjoni ġenerali u ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-Montenegro, kif ukoll il-politika dwar iż-żgħażagħ u tax-xogħol taż-żgħażagħ, flimkien ma' l-edukazzjoni informali. Waħda mill-prijoritajiet għas-sistemi ta' edukazzjoni ogħla għandha tkun il-kisba ta' l-għanijiet tad-Dikjarazzjoni ta' Bolonja.

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw ukoll ma' l-għan li jkun żgurat li l-aċċess għal-livelli kollha ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-Montenegro ikun liberu mid-diskriminazzjoni minħabba sess, kulur, oriġini etnika jew reliġjon.

Il-programmi u l-istrumenti Komunitarji rilevanti għandhom jikkontribwixxu għall-aġġornament ta' l-istrutturi u ta' l-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ fil-Montenegro.

Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità f'dan il-qasam.

ARTIKOLU 103

Koperazzjoni kulturali

Il-Partijiet jimpenjaw irwieħhom li jinkoraġġixxu l-koperazzjoni kulturali. Din il-koperazzjoni sservi *inter alia* sabiex tkabbar il-ftehim u l-istima bejn l-individwi, il-komunitajiet u l-popli. Barra minn hekk, il-Partijiet jimpenjaw irwieħhom li jikkoperaw sabiex jinkoraġixxu d-diversità kulturali, speċjalment fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità fl-espressjonijiet kulturali.

ARTIKOLU 104

Koperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw sabiex jippromwovu l-industrija awdjoviżiva fl-Ewropa u jinkoraġġixxu l-koproduzzjoni fl-oqsma taċ-ċinema u tat-televiżjoni.

Il-koperazzjoni tista' tinkludi, *inter alia*, programmi u faċilitajiet għat-taħriġ ta' ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-medja, kif ukoll assistenza teknika lill-medja, pubbliċi u privati, sabiex jiġu msaħħa l-indipendenza, il-professjonaliżmu u r-rabtiet tagħhom mal-midja Ewropej.

Il-Montenegro għandu jikkonverġi l-politika tiegħu dwar ir-regolamentar ta' l-aspetti tal-kontenut tax-xandir transkonfinali ma' dawk tal-KE u għandu jarmonizza l-leġiżlazzjoni tiegħu ma' l-*acquis* ta' l-UE. Il-Montenegro għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjonijiet b'rabta ma' l-akkwist tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali għall-programmi u għax-xandir bis-satellita, bil-kejbil u bil-frekwenzi terrestri.

ARTIKOLU 105

Is-soċjetà ta' l-informazzjoni

Il-koperazzjoni għandha tiġi żviluppata fl-oqsma li huma relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fir-rigward ta' l-informazzjoni. Għandha tappoġġa prinċipalment il-konverġenza gradwali tal-politika u tal-leġiżlazzjoni min-naħa tal-Montenegro f'dan is-settur ma' dawk tal-Komunità.

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw ukoll sabiex jiżviluppaw aktar is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni fil-Montenegro. L-għanijiet globali se jkunu li titħejja s-soċjetà kollha għall-era diġitali, li jiġu attirati l-investimenti u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tan-*networks* u tas-servizzi.

ARTIKOLU 106

In-networks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika

Il-koperazzjoni għandha tiffoka primarjament fuq l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità f'dan il-qasam. Partikolarment, il-Partijiet għandhom isaħħu l-koperazzjoni fil-qasam tan-*networks* tal-komunikazzjoni elettronika u tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, bl-għan aħħari jkun l-adozzjoni, min-naħa tal-Montenegro, ta' l-*acquis* tal-Komunità tas-settur tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 107

### Informazzjoni u komunikazzjoni

Il-Komunità u l-Montenegro għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jistimolaw l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni. Għandha tingħata prijorità lill-programmi li huma mmirati sabiex jipprovdu lill-pubbliku ġenerali b'informazzjoni bażika dwar il-Komunità u lill-gruppi professjonali fil-Montenegro b'informazzjoni aktar speċjalizzata.

## ARTIKOLU 108

### Trasport

Il-koperazzjoni bejn il-Partjiet għandha tiffoka fuq l-oqsma prijoritarji li huma relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam tat-trasport.

Il-koperazzjoni tista' b'mod speċjali tiffoka fuq ir-ristrutturazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-modi ta' trasport Montengrini, għat-titjib tal-moviment liberu ta' passiġġieri u prodotti, għat-tisħiħ ta' l-aċċess tas-suq u l-faċilitajiet tat-trasport, inklużi l-portijiet u l-ajruporti. Barra minn hekk, il-koperazzjoni tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastrutturi multimodali fir-rigward tan-*networks* Tranżewropej ewlenin, notevolment għat-tisħiħ ta' l-irbit reġjonali fl-Ewropa tax-Xlokk skond l-MoU dwar l-iżvilupp tan-*Network* ta' Qofol għat-Trasport Reġjonali. L-għan ta' din il-koperazzjoni għandu jkun il-kisba ta' standards operattivi kumparabbli ma' dawk fil-Komunità kif ukoll l-iżvilupp ta' sistema ta' trasport fil-Montenegro li tkun kompatibbli u konformi mas-sistema tal-Komunità u t-titjib tal-protezzjoni ta' l-ambjent fit-trasport.

## ARTIKOLU 109

### Enerġija

Il-koperazzjoni għandha tiffoka fuq oqsma prijoritarji li huma relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam ta' l-ambjent. Għandha tkun imsejsa fuq it-Trattat li jistabbilixxi Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u għandha tiġi żviluppata bl-għan ta' l-integrazzjoni tal-Montenegro fis-swieq ta' l-enerġija Ewropej. Il-koperazzjoni tista' partikolarment tinkludi:

(a) il-formulazzjoni u l-ippjanar ta' politika ta' l-enerġija, inklużi l-modernizzazzjoni ta' l-infrastruttura, it-titjib u d-diversifikazzjoni tal-forniment u t-titjib ta' l-aċċess għas-suq ta' l-enerġija, flimkien mal-faċilitazzjoni tat-tranżitu, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni u r-ristrutturazzjoni ta' interkonnessjonijiet ta' l-elettriku ta' importanza reġjonali ma' pajjiżi ġirien;

(b) il-promozzjoni ta' l-ekonomija u l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-analiżi ta' l-impatt ambjentali kkawżat mill-produzzjoni u l-konsum ta' l-enerġija;

(ċ) il-formulazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' qafas għar-ristrutturazzjoni ta' kumpanniji ta' l-enerġija u l-koperazzjoni bejn l-impriżi f'dan is-settur.

## ARTIKOLU 110

## Sigurtà nukleari

Il-Partijiet għandhom jikkoperaw fil-qasam tas-sigurtà u s-salvagwardji nukleari. Il-koperazzjoni għandha tkopri s-suġġetti li ġejjin:

(a) l-aġġornament tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni, is-sigurtà nukleari u l-kontabbiltà u l-kontroll ta' meterjali nukleari kif ukoll it-tisħiħ ta' l-awtoritajiet superviżorji u tar-riżorsi tagħhom;

(b) l-inkoraġġiment tal-promozzjoni ta' Ftehim bejn l-Istati Membri, jew bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Montenegro dwar in-notifika bikrija u l-iskambju ta' informazzjoni f'każi ta' inċidenti nukleari u dwar it-tħejjija f'każ ta' emerġenza u dwar kwistjonijiet dwar is-sigurtà nukleari b'mod ġenerali, jekk ikun kunsiljabbli;

(ċ) ir-responsabbiltà ċivili fil-qasam nukleari.

## ARTIKOLU 111

## Ambjent

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom fil-qasam ambjentali bir-responsabbiltà vitali li titwaqqaf id-degradazzjoni ulterjuri u jibda jsir titjib fis-sitwazzjoni ambjentali bl-għan ta' żvilupp sostenibbli.

Il-Partijiet għandhom partikolarment jistabbilixxu koperazzjoni bl-għan tat-tisħiħ ta' l-istrutturi u l-proċeduri amministrattivi għall-iżgurar ta' ppjanar strateġiku ta' kwistjonijiet ambjentali u l-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti u għandhom jiffokaw fuq il-konverġenza tal-leġiżlazzjoni tal-Montenegro ma' dik ta' l-*acquis* tal-Komunità. Il-koperazzjoni għandha tinkludi wkoll l-iżvilupp ta' strateġiji sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti it-tniġġis lokali, reġjonali, u t-tniġġis transkonfinali ta' l-arja u ta' l-ilma, sabiex jiġi stabbilit qafas għall-produzzjoni u l-konsum effiċjenti, nadif, sostenibbli u rinnovabbli ta' l-enerġija, u sabiex jitwettqu valutazzjoni ambjentali ta' l-impatt u valutazzjoni strateġika ta' l-impatt. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto.

ARTIKOLU 112

Il-koperazzjoni fir-riċerka u fl-iżvilupp teknoloġiku

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni fir-riċerka xjentifika ċivili u fl-iżvilupp teknoloġiku (RTD) fuq il-bażi ta' benefiċċju reċiproku u b'kunsiderazzjoni tad-disponibilità tar-riżorsi, aċċess adegwat għall-programmi rispettivi tagħhom, bla ħsara għal-livelli xierqa ta' protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali (IPR).

Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp tekniku.

ARTIKOLU 113

Żvilupp reġjonali u lokali

Il-Partijiet għandhom ifittxu li jsaħħu l-koperazzjoni għall-iżvilupp reġjonali u lokali, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp ekonomiku u sabiex jitnaqqsu l-iżbilanċi reġjonali. Għandha tingħata attenzjoni speċifika għall-koperazzjoni transkonfinali, tranżnazzjonali u interreġjonali.

Il-koperazzjoni għandha tieħu kont, bil-mod dovut, ta' l-oqsma prijoritarji relatati ma' l-*acquis* tal-Komunità fil-qasam ta' l-iżvilupp reġjonali.

ARTIKOLU 114

L-amministrazzjoni pubblika

Il-koperazzjoni għandha jkollha l-għan li tiżgura l-iżvilupp ta' amministrazzjoni pubblika li tkun effiċjenti u li tagħti kont ta' għemilha fil-Montenegro, notevolment sabiex tagħti appoġġ għall-implimentazzjoni ta' l-istat tad-dritt, il-funzjonament korrett ta' l-istituzzjonijiet Statali għall-benefiċċju tal-popolazzjoni Montenegrina kollha u l-iżvilupp mingħajr problemi tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Montenegro.

Il-koperazzjoni f'dan il-qasam għandha tiffoka prinċipalment fuq il-bini ta' l-istituzzjonijiet, li jinkludu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' reklutaġġ trasparenti u imparzjali, fuq il-ġestjoni tar-riżorsi umani, l-iżvilupp tal-karrieri fis-servizz ċivili, it-taħriġ kontinwu u l-promozzjoni ta' l-etika fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika. Il-koperazzjoni għandha tkopri l-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni, flimkien ma' l-amministrazzjoni lokali.

# IT-TITOLU IX

# KOPERAZZJONI FINANZJARJA

## ARTIKOLU 115

Sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim u skond l-Artikoli 5, 116 u 118, il-Montenegro jista' jirċievi għajnuna finanzjarja mill-Komunità fis-sura ta' għotjiet u self, inkluż self mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment. L-għajnuna Komunitarja tiddependi fuq progress ulterjuri fil-ħidma lejn il-kriterji politiċi ta' Kopenħagen u partikolarment progress fil-kisba tal-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll ir-riżultati ta' l-analiżi annwali tal-pajjiżi tal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, partikolarment fir-rigward ta' l-impenn tal-benefiċjarji sabiex iwettqu riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali u ta' konklużjonijiet oħra tal-Kunsill, partikolarment fir-rigward ta' programmi ta' aġġustament. L-għajnuna mogħtija lill-Montenegro għandha tkun immirata lejn il-ħtiġijiet li ġew osservati, il-prijoritajiet magħżula, il-kapaċità ta' assorbiment u ta' rimborż, u l-miżuri li ttieħdu sabiex tiġi riformata u ristrutturata l-ekonomija.

## ARTIKOLU 116

L-assistenza finanzjarja, fis-sura ta' għotjiet, se tkun koperta mill-miżuri operattivi previsti fir-Regolament tal-Kunsill rilevanti fi ħdan qafas multiannwali indikattiv u bbażata fiq programmi annwali ta' azzjoni li ġew stabbiliti mill-Komunità wara konsultazzjonijiet mal-Montenegro.

L-għajnuna finanzjarja tista' tkopri s-setturi kollha tal-koperazzjoni, b'attenzjoni partikolari lejn il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà, lejn l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni u lejn l-iżvilupp ekonomiku u l-protezzjoni ambjentali.

ARTIKOLU 117

Fuq it-talba tal-Montenegro u f'każ ta' ħtiġijiet speċjali, il-Komunità tista' teżamina, f'koordinazzjoni ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-possibbiltà li tingħata għajnuna makrofinanzjarja fuq bażi eċċezzjonali bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet u b'kunsiderazzjoni għad-disponibilità tar-riżorsi finanzjarji kollha. L-għajnuna għandha tingħata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntest ta' programm miftiehem bejn il-Montenegro u l-Fond Monetarju Internazzjonali.

ARTIKOLU 118

Sabiex jippermettu l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet Komunitarji jsiru f'koordinazzjoni mill-qrib ma' dawk minn sorsi oħra bħalma huma l-Istati Membri, pajjiżi oħra u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jiskambjaw b'mod regolari informazzjoni dwar is-sorsi kollha ta' għajnuna.

# TITOLU X

# DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

## ARTIKOLU 119

B'dan huwa stabbilit Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li għandu jissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Għandu jiltaqa' fuq livell adatt f'intervalli regolari u meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan. Għandu jeżamina kwalunkwe kwistjoni ewlenija li tinqala' fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni bilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess reċiproku.

## ARTIKOLU 120

1. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jikkonsisti mill-membri tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u minn membri tal-Kummissjoni Ewropea, minn naħa waħda, u minn membri tal-Gvern tal-Montenegro min-naħa l-oħra.

2. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu ta' proċedura.

3. Il-membri tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jistgħu jirranġaw li jkunu rappreżentati, skond il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill.

4. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jkun ippresedut darba minn rappreżentant tal-Komunità u d-darba ta' wara minn rappreżentant tal-Montenegro, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli tiegħu ta' proċedura.

5. Fi kwistjonijiet li jikkonċernawh, il-Bank Ewropew ta' l-Investiment għandu jieħu sehem, bħala osservatur, fil-ħidma tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

ARTIKOLU 121

Sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu ta' dan il-Ftehim fil-każi previsti fih. Id-deċiżjonijiet meħuda għandhom jorbtu liż-żewġ Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimentaw id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jagħmel ukoll rakkomdanzzjonijiet xierqa. Għandu jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 122

1. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jkun megħjun fit-twettiq ta' dmirijietu minn Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, minn naħa waħda, u minn rappreżentanti tal-Montenegro min-naħa l-oħra.

2. Fir-regoli tiegħu ta' proċedura, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiddetermina d-dmirijiet tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li għandhom jinkludu t-tħejjija tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u għandu jiddetermina kif se jaħdem il-Kumitat.

3. Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kwalunkwe waħda mis-setgħat tiegħu. F'dan il-każ, il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 121.

ARTIKOLU 123

Il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' joħloq sottokumitati. Qabel tmiem l-ewwel sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni se jwaqqaf is-sottokumitati meħtieġa għall-implimentazzjoni adegwata ta' dan il-Ftehim.

Għandu jiġi stabbilit sottokumitat responsabbli mill-kwistjonijiet dwar migrazzjoni.

ARTIKOLU 124

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kumitati jew entitajiet speċjali oħra li jistgħu jgħinuh iwettaq dmirijietu. Fir-regoli tal-proċedura tiegħu, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirjiet ta' kumitati jew korpi ta' din ix-xorta u kif għandhom jaħdmu.

ARTIKOLU 125

B'dan qed jiġi stabbilit Kumitat Parlamentari ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għandu jkun forum għall-Membri tal-Parlament tal-Montenegro u tal-Parlament Ewropew sabiex jiltaqgħu u jiskambjaw il-fehmiet. Għandu jiltaqa' f'intervalli li għandhom ikunu ddeterminati minnu stess.

Il-Kumitat Parlamentari ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jikkonsiti minn membri tal-Parlament Ewropew u minn membri tal-Parlament tal-Montenegro.

Il-Kumitat Parlamentari ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Il-Kumitat Parlamentari ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jkun ippresedut darba minn membru tal-Parlament Ewropew u d-darba ta' wara minn membru tal-Parlament tal-Montenegro, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli tiegħu ta' proċedura.

ARTIKOLU 126

Fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, kull Parti timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni naturali u legali tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess liberu minn diskriminazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu ċ-ċittadini tagħha għall-qrati kompetenti u għall-korpi amministrattivi tal-Partijiet sabiex jiddefendu d-drittijiet individwali u d-drittijiet tal-proprjetà tagħhom.

ARTIKOLU 127

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf lil Parti milli tieħu kwalunkwe miżura:

(a) li tikkunsidra bħala neċessarja sabiex tostakola li tinkixef informazzjoni li tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;

(b) relatata mal-produzzjoni jew mal-kummerċ ta' armi, munizzjon jew tagħmir militari jew ma' riċerka, żvilupp jew produzzjoni indispensabbli għall-finijiet ta' difiża, sakemm miżuri ta' din ix-xorta ma jfixklux il-kondizzjonijiet għall-kompetizzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti li mhumiex intenzjonati għal finijiet speċifikament militari;

(ċ) li tikkunsidra bħala essenzjali għas-sikurezza tagħha fil-każ ta' inkwiet intern serju li jaffetwa ż-żamma tal-liġi u ta' l-ordni, fi żmien ta' gwerra jew ta' tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra jew sabiex jitwettqu obbligi li tkun aċċettat ħalli jinżammu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

ARTIKOLU 128

1. Fl-oqsma li huma koperti minn dan il-Ftehim u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċjali huma inklużi fihom:

(a) l-arranġamenti applikati mill-Montenegro fejn għandha x'taqsam il-Komunità m'għandhom jagħtu lok għall-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri, iċ-ċittadini, il-kumpanniji jew id-ditti tagħhom;

(b) l-arranġamenti applikati mill-Komunità fejn għandu x'jaqsam il-Montenegro m'għandhom jagħtu lok għall-ebda diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini, il-kumpanniji jew id-ditti Montenegrini.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu bla ebda ħsara għad-dritt tal-Partijiet li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom għal dawk li jħallsu t-taxxi li mhumiex f'sitwazzjonijiet identiċi fejn għandu x'jaqsam il-post ta' residenza tagħhom.

ARTIKOLU 129

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika li hija meħtieġa sabiex ikunu ssodisfati l-obbligi tagħhom taħt dan il-Ftehim. Għandhom jiżguraw li l-għanijiet li huma stabbiliti f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw minnufih permezz ta' kanali xierqa fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet sabiex tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan l-Ftehim u aspetti rilevanti oħra tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.

3. Kull Parti għandha tirreferi lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kwalunkwe tilwima li jkollha x'taqsam ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. F'dak il-każ, għandhom japplikaw l-Artikolu 130 jew il-Protokoll Nru 7, skond il-każ.

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jsib soluzzjoni għat-tilwima permezz ta' deċiżjoni li torbot.

4. Jekk kwalunkwe waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra ma rnexxilhiex tissodisfa obbligu taħt dan il-Ftehim, tista' tieħu miżuri xierqa. Qabel ma tagħmel dan, ħlief f'każi ta' urġenza speċjali, għandha tipprovdi lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti li hija meħtieġa għal eżami bir-reqqa tas-sitwazzjoni sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet.

Fl-għażla tal-miżuri, trid tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixklu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u għandhom ikunu suġġetti għal konsultazzjoni, jekk il-Parti l-oħra titlob dan, fi ħdan il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew minn kwalunkwe entità oħra stabbilita fuq il-bażi ta' l-Artikoli 123 jew 124.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 bl-ebda mod m'għandhom jaffettwaw jew ikunu ta' ħsara għall-Artikoli 32, 40, 41, 42, 46 u l-Protokoll 3 (Id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti u metodi li joriġinaw minn koperazzjoni amministrattiva).

ARTIKOLU 130

1. Meta tinqala' tilwima bejn il-Partijiet fir-rigward ta' l-interpertazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni talba formali sabiex il-kwistjoni tat-tilwima tiġi solvuta.

Fejn Parti minnhom tikkunsidra li xi miżura adottata mill-Parti l-oħra, jew in-nuqqas ta' azzjoni ta' Parti minnhom, tikkostitwixxi ksur ta' l-obbligi tagħha taħt dan il-Ftehim, it-talba formali għas-soluzzjoni tat-tilwima għandha tagħti r-raġunijiet għal din l-opinjoni u tindika, skond il-każ, li l-Parti tista' tadotta miżuri kif previst fl-Artikolu 129, il-paragrafu 4.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz sabiex isolvu t-tilwima permezz ta' konsultazzjonijiet *bona fide* fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u entitajiet oħra kif previst fil-paragrafu 3, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabli għaż-żewġ naħat mill-aktar fis possibbli.

3. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bl-informazzjoni neċessarja rilevanti għal analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni.

Kemm-il darba t-tilwima ma tissolviex, għandha tiġi diskussa f'kull laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, sakemm ma tinfetaħx proċedura ta' arbitraġġ kif previst fil-Protokoll 7. It-tilwima titqies bħala solvuta meta l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jieħu deċiżjoni li torbot sabiex isolvi l-kwistjoni kif previst fl-Artikolu 129, il-paragrafu 3, jew meta t-tilwima tiġi ddikjarata ineżistenti.

Il-konsultazzjonijiet dwar tilwima jistgħu jsiru fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew fi kwalunkwe kumitat jew entità stabbilita fuq il-bażi ta' l-Artikoli 123 jew 124, kif miftiehem bejn il-Partijiet jew fuq it-talba ta' kwalunkwe Parti minnhom. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru wkoll bil-miktub.

L-informazzjoni kollha żvelata matul il-konsultazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali.

4. Għal kwistjonijet li jaqgħu fl-ambitu tal-Protokoll 7, jekk il-Partijiet ma jirnexxilhomx isolvu t-tilwima fi żmien xahrejn wara l-bidu tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwima skond il-paragrafu 1, kwalunkwe Parti minnhom tista' tfittex soluzzjoni għat-tilwima permezz ta' arbitraġġ skond dak il-Protokoll.

ARTIKOLU 131

Sakemm ma jinkisbux drittijiet ekwivalenti għall-individwi u għall-operaturi ekonomiċi taħt dan il-Ftehim, dan il-Ftehim m'għandux jaffetwa d-drittijiet li ġew żgurati lilhom permezz ta' Ftehim eżistenti li jorbtu lil Stat Membru wieħed jew aktar minn naħa waħda u lill-Montenegro min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 132

Il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi Komuntarji huma stabbiliti fil-Protokoll 8.

Il-Protokolli 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 u l-Annessi I sa VII għandhom jagħmlu parti integrali minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 133

Dan il-Ftehim għandu jintlaħaq għal perjodu miftuħ.

Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' tiddenunzja dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim jintemm sitt xhur wara d-data tan-notifika.

Kwalunkwe Parti tista' tissospendi l-Ftehim, b'effett immedjat, fil-każ li l-Parti l-oħra ma tirrispettax waħda mill-elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 134

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "Partijiet" għandu jfisser il-Komunità, jew l-Istati Membri tagħha, jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skond is-setgħat rispettivi tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 135

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji fejn jiġu applikati t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u skond il-kundizzjonijiet li huma stabbiliti f'dawk it-Trattati, u għat-territorju tal-Montenegro min-naħa l-oħra.

ARTIKOLU 136

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 137

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Eston, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u bil-lingwa tal-Montenegro, b'kull test ugwalment awtentiku.

ARTIKOLU 138

Il-Partijiet għandhom japprovaw dan il-Ftehim skond il-proċeduri tagħhom.

Dan il-Ftehim għandu jidhol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li ttieħdu l-proċeduri msemmija fl-ewwel paragrafu.

ARTIKOLU 139

Ftehim Provviżorju

Fil-każ li, sakemm jitwettqu l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' ċerti partijiet minn dan il-Ftehim, b'mod partikolari dawk b'rabta mal-moviment liberu tal-prodotti kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar it-Trasport, jiddaħħalu fis-seħħ permezz ta' Ftehim Provviżorji bejn il-Komunità u l-Montenegro, il-Partijiet jaqblu li, f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta għall-fini tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 73, 74, 75, 73 u 74 tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, il-Protokolli 1, 2, 3, 4, u 6, u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll 5, mehmuża mal-Ftehim, it-terminu "id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" ifisser id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Provviżorju rilevanti fir-rigward ta' l-obbligi li jinsabu fid-dispożizzjonijiet li jissemmew aktar 'il fuq.